IŻ-ŻEJTUN
Citta' Beland

# Ir-Rapport Annwali 2022

# u

# l-Estimi Finanzjarji 2023

# Il-Werrej

Il-Werrej ........................................................................................................................ i
Il-Kunsill Lokali ........................................................................................................................ 1
Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019____________________________________1
It-Tqassim tad-Dekasteri _____________________________________________________ 1-4
L-Impjegati tal-Kunsill _________________________________________________________5
L-Istruttura tal-Organizzazzjoni_____________________________________________ 5-6
Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni _______________________________________________6
Il-Laqgħat tal-Kunsill __________________________________________________________7
Doris Abela, is-Sindku ......................................................................................... 8-31
Joan Agius, il-Viċi-Sindku ..................................................................................... 32-42
Amanda Abela ............................................................................................................ 43
Gesmond Baldacchino ........................................................................................ 44-48
Dorcas Camilleri ................................................................................................... 49-55
Sean Chircop ........................................................................................................ 56-68
Stephanie Fenech ................................................................................................ 69-71
Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2023 ..................................................... 72-83

# Il-Kunsill Lokali

## Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun kif elett f'Mejju 2019




**Mix-xellug: Anton Falzon (is-Segretarju Eżekuttiv), Sean Chircop, Raymond Caruana, Stephanie Fenech, Joan Agius (il-Viċi-Sindku), Doris Abela (is-Sindku), Amanda Abela, Gesmond Baldacchino, Dorcas Camilleri u Roderick Caruana**

## It-Tqassim tad-Dekasteri

Is-Sindku qassmet id-dekasteri u r-responsabbiltajiet kif ġej :

Doris Abela - Is-Sindku

- Il-laqgħat tal-Kunsill u r-rappreżentazzjoni legali.
- L-estimi u l-kontroll tal-finanzi (mas-Segretarju Eżekuttiv).
- Assenjar tax-xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Il-Kumitati Reġjonali u l-infurzar tal-liġi.
- Id-drittijiet taċ-ċittadini (inkluż iċ-ċertifikati u l-passaporti).
- Proġetti Infrastrutturali inkluż ix-xogħlijiet ta' toroq, bankini u ġonna.
- It-traffiku.
- Sigurta' tal-lokal.



- Il-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart domestiku u kummerċjali.
- L-Innovazzjoni u Proġetti Ambjentali.
- Devoluzzjoni ta' propjetà tal-Gvern Ċentrali.
- Infurzar fuq permessi tax-xogħlijiet.

Joan Agius - il-Viċi-Sindku



- Is-servizzi għat-tfal sa 12 -il sena, inkluż il-*Kids' Club.*
- Attivitajiet u inizjattivi għall-familja, inkluż is-servizz u l-korsijiet għal kulħadd.
- Solidarjetà u integrazzjoni soċjali u l-ugwaljanza.
- L-assistenza soċjali.
- Il-kuntatti mal-Korporazzjoni tat-Taħriġ u x-Xogħol.
- Skema għall-ġbir tal-iskart riċiklat.
- Promozzjoni għall-isseparar tal-iskart.
- *i-BiNs.*
- *Noticeboards.*

Amanda Abela - Kunsilliera



- L-istatistika.
- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko-Konformità.
- Il-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.

Gesmond Baldacchino - Kunsillier



- Il-latrini pubbliċi.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi inkluż it-tisqija (Ġnien iċ-Ċrieki, Ġnien Brejġu u Ġnien il-Qawsalla).
- Il-manutenzjoni taż-żoni rikreattivi u l-funtani.
- L-uffiċċju elettorali u karta tal-identita'.
- Il-parkeġġi riżervati għall-persuni b'diżabilita'.
- Suq fil-beraħ.
- *Housing.*

Dorcas Camilleri - Kunsilliera



- L-anzjani.
- Id-Dar tal-Anzjani.
- Kuntatt mad-Dipartiment għall-Kura tal-Anzjani.
- Iċ-Ċentru tal-Kura Matul il-Jum għall-anzjani Żwieten.
- Id-djar l-oħra fejn hemm l-anzjani Żwieten.
- Il-persuni b'diżabbiltà.
- Il-Librerija Pubblika Lokali.
- L-edukazzjoni formali mill-Kindergarten sal-5 sena tas-Sekondarja.
- Il-Kunsilli Skolastiċi Primarji u Sekondarji sal-*Form* 5.
- L-Edukazzjoni għall-adulti inkluż korsijiet akkademiċi.

Raymond Caruana - Kunsillier



- Is-servizz tal-ilma u d-drenaġġ.
- It-telekomunikazzjoni.
- Is-servizz postali.
- Il-kalendarju liturġiku u l-attivitajiet reliġjużi fil-beraħ.
- Il-kuntatt mal-Knisja fuq iċ-ċimiterju.
- Il-Pulizija, il-Protezzjoni Ċivili u l-Forzi Armati.
- Il-knis u t-tindif tat-toroq inkluż l-isqaqien rurali.
- It-tindif, it-tisbiħ u l-ħarsien tal-ġonna pubbliċi, u s-*soft areas* inkluż it-tisqija (Ġnien iż-Żgħożija, Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien il-Kmandant).
- Is-servizz tal-elettriku fit-toroq.

Roderick Caruana - Kunsillier



- L-enerġija.
- L-Ambjent.
- Il-ħarsien tal-ġwiebi.

Sean Chircop - Kunsillier



- L-istorja u l-kultura.
- It-turiżmu.
- Il-premju *Ġieħ iż-Żejtun.*
- Ir-riabilitazzjoni u r-restawr.
- Il-ħarsien taż-żona urbana ta' konservazzjoni u skedar.
- It-tradizzjoniijiet folkoristiċi u d-djalett, inkluż l-identità Żejtunija.
- Il-konfini, il-periferija, in-numerazzjoni tal-bibien.
- L-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar.
- Tabelli bl-ismijiet inkluż it-tismija tat-toroq.
- Sit elettroniku tal-Kunsill u żviluppar ta' mezzi godda ta' komunikazzjoni.
- Il-Librerija tal-Kunsill.
- L-għamara tat-toroq.
- *Noticeboards.*

Stephanie Fenech - Kunsilliera



- L-iżvilupp ta' faċilitajiet sportivi.
- Ir-relazzjonijiet barranin u l-ġemellaġġi.
- Iż-żgħażagħ u l-isport.
- *Youths @ local.*
- Ħarsien tal-annimali.
- Medja.
- Saħħa, Sanita u promozzjoni ta' Trasport Alternattiv.
- It-Trasport Pubbliku.
- Informazzjoni fuq Fondi mill-UE.
- Ix-xjenza, ir-riċerka u t-teknoloġija.
- It-taħriġ fit-teknoloġija tal-informatika.

## L-Impjegati tal-Kunsill

Il-Kunsill għandu seba' impjegati, kif ġejjin:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Anton Falzon | Is-Segretarju Eżekuttiv |
| Angelo Caruana | Assistent Principali |
| Reuben Mamo | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Stefan Borg | Skrivan |
| Marthese Zahra | Skrivana |
| Ann Marie Borg | Skrivana |
| Jesmond Galea | Skrivan (*part-time*) |

Għandu wkoll għaxar impjegati sekondati:

| L-isem | Il-kariga |
|---|---|
| Joseph Chetcuti | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Frankie Spagnol | Ħaddiem tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Francis Borg | *Head Gardener*, impjegat mal-Kunsill |
| Joseph Fenech | *Head Gardener*, impjegat mal-Kunsill |
| Samuel Grima | Ġardinar tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Antonio Lapira | Ġardinar tad-*District Operation Ltd.*, assenjat mal-Kunsill |
| Lawrence Azzopardi | *Head of Maintenance*, impjegat mal-Kunsill |
| Clifford Vella | *General Hand*, impjegat mal-Kunsill |
| Andrew Cassar | Ġardinar, impjegat mal-Kunsill |
| Jason Mifsud | Ġardinar, impjegat mal-Kunsill |

## L-Istruttura tal-Organizzazzjoni



Il-Kunsill ifassal il-politika kollha wara li jikkunsidra u jistħarreġ ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjonijiet, il-Kumitati jew is-Sottokumitati maħluqa minnu. Id-deċiżjonijiet jinbtu mill-Kunsill; is-Sindku u l-kunsillieri jaraw li jseħħu. Is-Sindku, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, huma responsabbli mill-finanzi u r-rappreżentanza legali tal-Kunsill (Artikli 26 u 27).

L-irwoli tas-Segretarju Eżekuttiv u s-Segretarjat huma distinti minn dak tal-Kunsill. Is-Segretarju, li l-liġi tiddefinixxih bħala l-kap eżekuttiv, amministrattiv u finanzjarju tal-Kunsill (Artiklu 52), hu responsabbli li jwettaq id-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

## Il-Funzjonijiet u l-Komunikazzjoni




L-Assistenti Prinċipali u l-Uffiċjali Eżekuttivi jipprovdu l-assistenza kollha meħtiega lill-Kunsill u jservu bħala l-kuntatt tal-Kunsill mal-pubbliku. Il-Kunsill għandu mpjegati miegħu tmien ħaddiema manwali biex ikunu jistgħu jagħmlu dak ix-xogħol li, bosta drabi, ma jidħolx għalih xi kuntrattur.

Ix-xogħol ta' maniġer tal-kuntratti, li jieħu ħsieb il-kuntatti bejn il-Kunsill u l-kuntrattur u jiċċertifika l-ħlasijiet taħt l-istess kuntratti, ħafna drabi jitwettaq mill-kunsillieri bla ħlas.

## Il-Laqgħat tal-Kunsill

Matul l-2022, il-Kunsill iltaqa' 11 -il darba. Bħas-snin preċedenti, l-attendenza u sehem kontinwu mill-kunsillieri ma naqsux, minkejja li jkollhom impenji oħra, avolja l-ħidma fil-Kunsill issir fuq bażi volontarja. Hawnhekk hawn it-tabella tal-attendenza tal-Kunsilliera għas-sena 2022:




Preżenti
Skużati
Assenti

# Doris Abela, is-Sindku

## Introduzzjoni

Bħal kull sena, qed inressqu quddiemkom ir-rapport ta' ħidma, sabiex nagħtu ħarsa lejn dak li wettaqna matul is-sena 2022 kif ukoll lejn dak li għandna ppjanat għas-sena 2023.

Nistqarr magħkom li din ma kinitx sena faċli għalija, fejn f'temp ta' xahrejn ġarrabt żewġ telfiet kbar, dik tal-għażiża oħti Rafela u xahrejn wara tlifna wieħed mill-ħaddiema ħabrieka tagħna, Ċensu Grixti, li kien ilu 19 -il sena jaħdem mal-Kunsill. Minn hawnhekk insellem il-memorja tagħhom.

Minkejja kollox, il-ħidma tal-Kunsill trid tibqa' għaddejja kif filfatt ser naraw f'dan ir-rapport. L-isfidi li niltaqgħu magħhom ta' kuljum u matul is-sena huma kbar, iżda dan ma jaqtalniex qalbna milli nkomplu naħdmu għal ġid tal-komunita'. Konsegwenza ta' kif żvolġew l-affarijiet, bdejna s-sena b'nuqqas ta' ħaddiema manwali. Mill-ewwel ħadna azzjoni u tlabna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ningħataw il-permess li ningaġġaw żewġ impjegati ġodda. Din it-talba ġiet milqugħha u f'Lulju ta' din is-sena ingaġġajna żewġ ħaddiema ġodda, is-Sur Lawrence Azzopardi u s-Sur Clifford Vella, li issa huma parti mit-tim ta' ħaddiema tal-Kunsill u minn hawnhekk nifirhilhom. Nista' ngħid li din kienet deċiżjoni għaqlija u li qed tagħtina r-riżultati mixtieqa.

Għaldaqstant, bħalissa l-kunsill għandu erba' ħaddiema tal-*Community Workers' Scheme* u wieħed tal-IPSL, żewġ ġardinara u żewġ ħaddiema manwali. Il-ħsieb tagħna huwa li fil-bidu tas-sena 2023 ningaġġaw żewġ ġardinara oħra sabiex ma nibqgħux niddependu mill-kuntratturi fejn jidħlu ġonna, *soft areas* u t-tindif ta' toroq rurali.

Sfida oħra li qed inħabbtu wiċċna magħha hija l-ispiża dejjem tiżdied fejn jidħol xogħol kuntrattwali. Insemmi l-manutenzjoni tad-dawl fit-toroq, tal-knis kif ukoll tal-ġbir tal-iskart goff, fejn fit-tlieta li huma rajna żieda sostanzjali għall-istess servizz li konna ningħataw qabel. Dan kollu jnaqqas mill-allokazzjoni tagħna u jfisser li tispiċċa jkollok fondi biss għall-operat. Spiża oħra ser tkun l-ispiża tal-ġbir tal-iskart bieb bieb, hekk kif mis-sena d-dieħla ser tinbidel l-iskeda u r-responsabbilta' ser tkun f'idejn ir-Reġjun.

Din is-sena ġejna affaċċjati wkoll bil-problema tan-nuqqas ta' spazju fl-iskola Primarja A. Kellna nieħdu d-deċiżjoni, bejn li t-tfal li kienu deħlin fi Frar 22 imorru skola oħra fl-istess kulleġġ, jew li tittieħed il-Librerija Pubblika biex takkomoda lil dawn it-tfal ġodda. Ħassejna li l-istudenti tagħna għandhom jibqgħu jattendu l-iskola ġewwa l-lokalita' tagħhom u mhux jintbagħtu x'imkien ieħor, u fl-istess waqt insibu alternattiva oħra għal-Librerija sabiex bqajna nagħtu servizz lill-pubbliku. Ikkomunikajt mal-Ministru tal-Edukazzjoni fejn urejt it-tħassib tagħna dwar in-nuqqas kbir ta' spazju fl-iskola Primarja u li din il-problema għandha tiġi ndirizzata kemm jista' jkun malajr sabiex ma nerġgħux niġu f'sitwazzjonijiet simili.

# Infrastruttura u Xogħlijiet Oħra

Is-sena 2022 rajna t-tlestija ta' proġett kbir mill-*Water Services Corporation* bil-għan li jkollna kwalità ta' ilma aħjar. Inbidlu l-*mains* tal-ilma kif ukoll dawk tad-drenaġġ. Iddiskutejt ma' *Infrastructure Malta* sabiex ikun jista' jsir il-wiċċ kollu tat-toroq imsemmija, kif ukoll isiru l-bankini sabiex ix-xogħol ikun komplut. Permezz ta' dan il-proġett, rajna t-tlestija ta' ħdax -il triq fil-lokalita' tagħna. Apparti hekk, saru wkoll toroq żgħar bħal: Wesgħet ta' Ganza, Daħlet il-Kamumilla u Trejqet Widnet il-Baħar fost oħrajn, toroq li kienu fi stat kbir ta' abbandun. Hawnhekk nieħu l-opportunita' sabiex nirringrazzja kemm lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma, kif ukoll Infrastruttura Malta għal dan ix-xogħol intiż sabiex itejjeb il-kwalita' tal-ħajja tar-residenti tagħna.



***Triq Beland***



***Triq Connaught***



*Triq San Ġużepp*



*Triq il-Kantur*



*Triq il-Ġiebja Rumana*



*Wesgħet ta' Ganza*



***Triq it-Tursin il-Bir***



***Triq San Porfirju***



***Triq Santa Monika***



***Triq Piju X***



***Trejqet il-Kammumilla***

## Triq Xrobb l-Għaġin

Proġett ieħor tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kien dak ta' Triq Xrobb l-Għaġin sabiex saret s-sistema tan-*New Water* għar-raba' ta' dawk l-inħawi. Dan kien proġett li ilu għaddej 4 snin u li ħoloq inkonvenjent kbir, b'mod partikolari lir-residenti, bdiewa u raħħala li jiffrekwentaw dawk l-akwati. F'Marzu tlesta l-wiċċ tat-triq prinċipali u għad baqa xogħol fi Sqaqien sabiex inkunu nistgħu ngħidu li verament lesta minn kollox.



## Misraħ ta' Pizzuta

Dan il-Misraħ kien jinsab fi stat ta' telqa u periklu, għaldaqstant rajna li nagħtu prijorità lil dan il-proġett li sar fuq inizjattiva u mill-fondi tal-kunsill. Saru *root barriers* biex jiġi evitat li l-wiċċ jerġa' jtella l-art, wiċċ ġdid tal-*printed concrete*, bankijiet u dwal ġodda sabiex tajna l-ħajja lil dan l-ispazju miftuħ li issa jista' jitgawda mir-residenti ta' din iż-żona.







## Misraħ is-Suq

Dan il-Misraħ li huwa ffrekwentat minn ħafna anzjani u li kien jinsab fi stat ħażin ferm, konna ilna għal diversi snin nitolbu sabiex jiġi rranġat. F'Jannar, kont ikkomunikajt ma' *Infrastructure Malta* fejn infurmawni li dan il-proġett kien ser isir. Infatti, fi Frar, beda x-xogħol fuqu u tlesta lejn l-aħħar t'April. Saret bankina mad-dawra kollha tal-misraħ, dwal ġodda, *reservoir*, sistema ta' irrigazzjoni kif ukoll tħawlu 46 siġra taż-żebbuġ u 300 arbuxelli li jkomplu jħaddru u jikkumplimentaw dan il-Misraħ.

Għaddejja b'diskussjonijiet mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex ix-xogħol fuq il-Lattrina Pubblika jibda fix-xhur li ġejjin sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent u r-residenti jkunu moqdija.







## Triq San Franġisk

Bħala parti mil-pjan tagħna ta' tisbiħ ta' Sqaqien, kien imiss li nibdew ix-xogħol ta' pavimentar fi Triq San Franġisk. F'Settembru, beda t-tqattiħ sabiex jinbidlu l-*mains* tal-ilma kif ukoll dak tad-drenaġġ. Waqt ix-xogħol, sibna *cable* tal-enemalta, li wara komunikazzjoni mal-korporazzjoni, ġejna nfurmati li dan kellu jinbidel hekk kif it-triq kienet qed tinqala. Saru s-servizzi tad-djar u fl-aħħar sar il-pavimentar bil-*printed concrete.* Bi qbil mar-residenti ta' din it-triq ukoll, ser issir semi-pedonali b'aċċess restritt għar-residenti f'kas ta' bżonn. Dan il-proġett sar mill-fondi u fuq inizjattiva tal-Kunsill b'nefqa ta' €82,000.



***Qabel***



***Wara***

## Pjanti fi Triq il-Gwiedi

Wara li kien sar il-pavimentar ġdid u nbidlu l-fanali f’din it-Triq, kien imiss li nkomplu nsebbħuha bil-pjanti li kkumplimentaw ix-xogħol li kien diġà sar.



## Triq Xrobb l-Għaġin - Tisbiħ fiż-żona madwar il-ġibjun

Hawnhekk sar xogħol ta’ tisbiħ bil-għajnuna tat-taqsima tal-*National Flood Relief Dept* fi ħdan il-*Public Works* flimkien mal-Kunsill sabiex tajna dehra isbaħ lil din il-parti.



## *I Belong*

Kien ta' pjaċir għalija nilqa' grupp ta' studenti minn diversi pajjiżi fosthom: is-Siberja, Belarus, Marokk u Sri Lanka. Dawn qegħdin jattendu l-kors *I Belong* mill-Universita' ta' Malta. Kors intiż sabiex ikollhom iktar għarfien dwar il-kultura ta' pajjiżna, il-lingwa, kif jaħdem il-Kunsill u x'inhu l-irwol tagħna fit-tmexxija tiegħu. Dan il-program li qed isegwu, jgħinhom sabiex ikunu jistgħu jintegraw aktar fil-komunitajiet tagħna.



## Plakek Informattivi fi Ġnien il-Kmandant (Lulju 2022)

Wara li ġnien il-Kmandant reġa ingħata l-ħajja, kien imiss li nagħmlu plakek informattivi sabiex minn jiġi jżur dan il-post mill-isbaħ, ikollu aċċess għal informazzjoni dwar is-siġar u arbuxelli kollha li nsibu fih.



## Ħasil ta' Ġnien Brejġu

Ġnien Brejġu ingħata tindifa tajba u *sealer* sabiex tajnih dehra friska.



## *Zebra Crossing* fi Triq Toni Zahra

Wara li r-residenti għamlu talba għal *zebra crossing* f'din it-triq minħabba l-periklu, ħassejna l-bżonn li din kellha tiġi ndirizzata u implimentata.



## *Gazebo* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten

Din il-*Gazebo* fi Ġnien l-Għannejja Żwieten saritilha manutenzjoni wara li kienet sfat ivvandalizzata, fejn rajna li jintuża materjal sod tal-ħadid li huwa aktar b'saħħtu u fl-istess ħin ingħatat dehra ġdida.



## Manuċċa *Child Care Centre*

L-ewwel kwart tas-sena 2022 kien ikkaratterizzat ukoll mill-pandemija, iżda grazzi għall-għajnuna li sibna mill-Gvern Ċentrali, iċ-ċentru baqa għaddej b'rittmu tajjeb ħafna u apparti xi miżuri li kellhom jittieħdu, ix-xogħol baqa għaddej b'mod normali. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja l-membri tal-Bord, kif ukoll il-*Coordinator* u l-*carers* kollha għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom sabiex jieħdu ħsieb it-tfal li jattendu dan iċ-Ċentru.



## *Cleansing & Maintenance*

Nixtieq nirringrazzja lid-Direttur Ġenerali tal-*Cleansing and Maintenance Dipartment* u lit-tim ta' ħaddiema tiegħu li matul is-sena jtuna s-sapport li jkollna bżonn fejn jidħol tindif ta' skart goff kif ukoll ħasil ta' żoni meta tintalab l-għajnuna.





## Reġjun Nofsinhar

Din is-sena wkoll bdejna nagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar u nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-President, is-Sur Jesmond Aquilina, tal-ħidma tiegħu sabiex stajna nintegraw mill-ewwel mal-kumplament tal-kunsilli l-oħra.

Ir-Reġjun Nofsinhar ingħata t-Titlu tar-Reġjun Kulturali. Għaldaqstant, għas-sena 2023, ser ikollna l-opportunita' li ntellgħu diversi attivitajiet kulturali flimkien mar-Reġjun.




Photo: DOI - Pierre Sammut

## Xogħlijiet mill-Ħaddiema Manwali













## Proġetti ppjanati għas-sena 2023

Grazzi għall-inizjattiva tal-INDIS, permezz tal-*Corporate Social Responsibility* bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, ser ikun qed jiġi rrestawrat is-Salib tal-Pjazza. Il-preparamenti kollha lesti u qiegħed fil-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar.






## BELLUS - ERA *Funds*

Wara li ssottomettejna applikazzjoni għall-Fondi tal-ERA mill-iskema BELLUS, il-Kunsill tagħna kien l-uniku kunsill magħżul u eliġibbli sabiex jibbenefika minn €100,000 għal proġett ta' tisbiħ fiż-żona ta' Ġebel San Martin, propju fir-*ring road* ta' Triq Dun Pawl Brunchell u Triq Ġebel San Martin. Hawnhekk, ser isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ mad-dawra u tar-*reservoirs* tal-ilma li għaddejjin minn taħt din il-bankina, dwal, kif ukoll *jogging track* mad-dawra bi trakka ta'madwar 700 metru, li twasslek sat-Triq L-Aħħar Ħbit mit-Torok.






## Misraħ Ħal Tmin

Il-Kunsill Lokali tagħna bbenifika wkoll €103,000 f'fondi minn skema mnedija minn Ambjent Malta wara applikazzjoni li ssottomettejna sabiex inwettqu proġett ta' tħaddir fiż-żona ta' Ħal Tmin. Dan il-proġett se jkun qed jagħti l-ħajja biċċa art mitluqa permezz ta' tisbiħ u tħawwil ta' siġar indiġeni, *reservoir* għall-ilma tat-tisqija u sistema ta' irrigazzjoni, dwal ġodda u bankijiet fost oħrajn. Proġett li se jkun jista' jitgawda mill-familji ta' din iż-żona.




Photo: DOI - Ramon Portelli



## Pavimentar ta' Ġnien San Girgor

Ħdimna sabiex ibbenefikajna minn ftit aktar minn €83,000 f'fondi permezz ta' skema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan il-proġett li ser jara pavimentar ġdid fi Ġnien l-Għannejja Żwieten, qiegħed fl-istadju ta' proċess mal-Awtorita' tal-Ippjanar u nittama li din is-sena li qegħdin fiha jiġi mplimentat.



## Ġnien iż-Żogħżija

Kienet sena fejn ħdimna kemm flaħna sabiex nakkwistaw iktar fondi ħalli nkomplu nwettqu aktar proġetti fil-komunita' tagħna.

Infatti, lejn l-aħħar tas-sena, wara li ssottomettejna applikazzjoni oħra, irnexxielna nibbenefikaw minn €76,000 oħra, minn skema ta' Proġetti Kapitali, mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Permezz ta' dawn il-fondi, ser inkunu qed naraw li jiġu nstallati apparat ġdid tal-logħob tat-tfal kif ukoll tisbiħ ta' Ġnien iż-Żogħżija.



Photo: DOI - Pierre Sammut

## Ġnien Brejġu

Ġnien Brejġu wkoll qiegħed fi stadju ta' applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar. Hawnhekk, ser inkunu qegħdin nibdlu l-apparat tal-logħob tat-tfal, jitħawwlu aktar siġar kif ukoll isir xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ tal-ġnien.



## Kultura u Restawr

Għas-sena 2023, għandna ppjanat ir-restawr tal-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant, xi ħaġa li ilna nippruvaw nagħmlu, iżda minħabba burokrazija mill-Awtorita' tal-Artijiet, dejjem tlifna opportunita' wara l-oħra l-possibbilta' ta' akkwist ta' fondi sabiex inkunu nistgħu inwettqu dan.



Għandna ppjanat ukoll ir-restawr tal-Knisja ta' San Klement. wara li bħala Kunsill applikajna għal skema mad-Direttorat tar-Restawr fi ħdan il-Ministeru tal-Kultura, liema applikazzjoni ġiet magħżula u x-xogħol mistenni jibda fix-xhur li ġejjin.



## Xiri ta’ 3 vetturi elettriċi permezz ta’ Fondi mnedija mil-LESA u Transport Malta

Wara li ssottomettejna applikazzjoni għal xiri ta’ dawn il-vetturi, liema fondi ġew approvati, il-Kunsill qiegħed f’pożizzjoni, li għas-sena 2023, ser ikun jista’ jakkwista dawn il-vetturi. Kellna dewmien għal dan ix-xiri minħabba li ħadd ma ssottometta nteress fit-tender għax-xiri ta’ dawn il-vetturi. Għaldaqstant, kellna ngħaddu minn proċess twil sakemm finalment issa sar il-kuntratt u lejn l-aħħar tas-sena nittama li jkollna dawn il-vetturi għas-servizz b’xejn tal-anzjani u persuni bi problemi ta’ mobilita’.

## Laqgħat u attivitajiet relatati mal-irwol tiegħi ta’ Sindku



***Diskussjoni fuq vjolenza domestika ġewwa d-Day Centre***



***Żjara fid-Dar tal-Anzjani fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara***



***Laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici***



***Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli***



***Laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said***



***Mr & Ms Supranatural***




***Mr. Zejtun***




***Reġjun Nofsinhar - Reġjun Kulturali 2023***






*Żjara mill-familja Scicluna u skambju ta' kotba*




*Insaħħu l-Kultura*




*Seminar dwar il-Ġimgħa Mqaddsa*



***Proġett Culturalla***



***Ġieħ iż-Żejtun***



***Il-vera kopja tat-tieni l-eqdem Kuntratt irregalat mill-Ministru Owen Bonnici***





***Żejt iż-Żejtun***



## Konklużjoni

Bla dubju ta’ xejn, din kienet sena oħra mpenjattiva, fejn ħdimna sabiex dak li wegħdna u ppjanajna naraw li nwettquħ. L-ispejjeż sabiex isiru l-proġetti huma kbar u minkejja li r-riżorsi tal-Kunsill huma limitati, dan ma jaqtalniex qalbna milli naraw kif ser nibbenefikaw minn fondi u skemi li joħorġu minn żmien għal żmien. Kienet sena oħra fejn bħala Kunsill ibbenifikajna minn madwar €400,000 f’fondi li jtaffu ftit mill-ispejjeż involuti fit-twettiq tax-xogħlijiet, fosthom dawk imsemmija iktar ‘il quddiem f’dan ir-rapport.

Inħares ‘il quddiem ukoll għal ħidma mill-qrib mal-Aġenzija *Project Green*, fejn ser inkun qed inressaq proġetti, fosthom dawk imsemmija għas-sena 2023, sabiex b’kollaborazzjoni sħiħa nkunu nistgħu nibbenefikaw minn għajnuniet sabiex nimplimentaw aktar spazji miftuħa u proġetti li jtejbu l-kwalita’ tal-ħajja tar-residenti tagħna.

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anton Falzon, tal-għajnuna kontinwa u d-dedikazzjoni tiegħu sabiex jara li l-pjanijiet u l-proġetti tal-Kunsill jitmexxew ‘il quddiem. Żgur li mingħajr dan l-appoġġ dan ix-xogħol ma jkunx possibbli. Grazzi wkoll lill-ħaddiema kollha klerikali, kif ukoll dawk manwali. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzja lil sħabi kunsilliera tas-sapport u tax-xogħol li jwettqu minkejja l-limitazzjonijiet, lill-Għaqdiet kollha Żwieten kif ukoll lir-residenti tal-appoġġ kontinwu tagħhom lejn il-ħidma tal-Kunsill.

Ilkoll flimkien għal Żejtun isbaħ u aħjar!

# Joan Agius, il-Viċi-Sindku

## Introduzzjoni

Għal darba'oħra huwa ta' sodisfazzjon personali li tajt ħini għall-komunità taż-Żejtun. Wara sentejn b'ħidma limitata minħabba l-pandemija tal-COVID-19, nista' ngħid li issa erġajna għaddejjin *full speed*. Minkejja kollox u x-xogħol *full time* impenjattiv tiegħi, xorta waħda l-ħidma volontarja u l-inizjattiva favur il-komunita' Żejtunija qatt ma naqset. Kienet sena oħra ta' sodisfazzjon tiegħi fil-ħidma b'impenn u b'imħabba lejn iż-Żejtun u ż-Żwieten.

Id-dekasteri tiegħi huma l-**Kommunità, Familja, Tfal, il-Manucca *Child Care Centre* u Żejt iż-Żejtun.** Minkejja li tnaqqsu d-dekasteri tiegħi fosthom il-***Housing* u s-Saħħa,** jiena xorta bqajt nagħti s-sehem tiegħi fejn hu possibbli għax dawn jibqgħu parti essenzjali għalija wara ħidma għal aktar minn 27 sena responsabbli minnhom. Kont strumentali biex twaqqfu diversi inizjattivi fil-Komunità tagħna għal diversi snin u illum għadhom għaddejjin u qatt ma naqqsu mill-ħidma tiegħi.

Dan kollu qed isir wara l-ħin tax-xogħol u fil-ħin liberu tiegħi. Ħidma produttiva li qiegħda issir fil-kwiet b'tant imħabba u b'kunfidenzjalita' kbira. L-attivitajiet, bħas-snin l-imgħoddija, immirati lejn il-**Familja, Tfal u l-Komunità** inġenerali, kellhom jiġu mibdula minħabba l-pandemija. L-attivitajiet tal-***Kids Club*** saru fuq bażi regolari kull nhar ta' Sibt fi Ġnien San Girgor, sakemm stajna inkomplu fuq l-istruzzjonijiet tad-Dipartiment tas-Saħħa fil-bidu tas-sena, fejn kellna niefqu għal xi ġimgħat.

Fil-qosor ser nagħti ftit informazzjoni fuq dawn l-attivitajiet li tista' tgħid kienu kollha edukattivi u ta' divertiment għall-familja kollha. L-attendenza kienet waħda tajba ħafna u diversi nies iridu li jien nibqa' ntella' dawn l-attivitajiet għalihom. L-iskop huwa wieħed ġenerali li nagħti l-għajjnuna possibbli tiegħi sa fejn nista' liż-Zwieten li jiġu għandi kif ukoll nferraħ lit-tfal u lill-familji tagħhom.

## Tfal

It-tfal minn dejjem kienu l-għan ewlieni tiegħi fejn nindukrawhom, nedukawhom u nkomplu ngħinuhom fl-iżvilupp u t-trobbija tagħhom.

### Saru diversi attivitajiet fosthom:

- *Kids Club* Xitwa kull nhar ta' Sibt bejn is-2.00pm u t-3.30pm.
- *Kids Club* Sajf kull nhar ta' Sint bejn il-5.00pm u s-7.00pm.
- Tisjir u logħob għat-tfal.
- Informazzjoni Edukattiva.
- Parties tal-Milied, *Halloween* u l-Karnival.
- *Water Sports* fis-Sajf.

- Ħarġiet Edukattivi u Kulturali għat-tfal.
- *Crafts.*
- Nagħti ċans lis-**Studenti tas-SOK** ukoll li jattendu bħala parti mill-proġett tagħhom waqt il-*Kids Club.*









## Teartru - Bajda Mewt, Id-Dun Ditektiv u Vjola *(*Kitba u Direzzjoni ta' Andre' Mifsud)

Għal darba'oħra Andrè żamm l-appuntament fil-kitba mexxejja tiegħu għall-komunità tagħna ż-Zwieten. Il-**Pantomima Bajda Mewt** ġibdet numru kbir ta' udjenza miż-Żejtun u rħula oħra. Kien hemm ix-xewqa minn diversi persuni u s-surmast ta' l-iskola li din il-Pantomima tidħol fil-programm annwali tagħna u tal-iskola. Din kellha tittella' fis-sena 2021, pero minħabba l-COVID ma kienx possibbli. Grazzi tmur lis-**Sur Edmond Pace, is-Surmast tal-Iskola Primarja B taż-Żejtun,** li reġa' tana ċ-ċans naħdmu fl-iskola tiegħu minkejja li kellna problema bil-Librerija fis-Sala tal-istess skola. Is-Sur Pace xtaq ħafna li aħna nibqgħu ntellgħu din il-pantomina fl-iskola tiegħu. Din is-sena saret fis-16, 17 u 18 ta' Diċembru 2022 u fuq it-talba tas-surmast saret parti minnha wkoll għat-tfal tal-iskola fid-19 ta' Diċembru 2022 waqt il-ħin tal-iskola. It-tfal ħadu gost ħafna u ipparteċipaw waqt l-attività.

Din is-sena wkoll, għall-ewwel darba, Andre' tella' **Teatrin Id-Dun Didektiv** fil-beraħ ġewwa **L-Amfiteatru ta' Ġnien San Girgor** nhar id-29 ta' Lulju 2022, fejn kellna udjenza tajba ħafna.

F'Novembru wkoll ittella' d-**Dramm Vjola** b'risq il-Vittmi ta' Vjolenza Domestika nhar il-25, 26 u 27 ta' Novembru ġewwa l-Istitut **Ġesù Nazzarenu**. Il-qliegħ kollu li nġabar mar b'risq *shelters* għall-vittmi ta' Vjolenza Domestika mmexxija minn **Fondazzjoni Sebħ**. L-attendenza, għal darba'oħra, kienet waħda tajba minkejja il-maltemp li seħħ f'dan il-*weekend*. Kull min attenda faħħar din il-produzzjoni u kellna talba biex din tittella' ġewwa l-iskejjel sekondarji għax kellha taghlima għaż-Żgħażagħ, u hawn nixtieq nirringrazzja lill-**Ministru Dr.Owen Bonnici** għall-appoġġ tiegħu fil-ħidma tagħna.







## Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun

Din is-sena wkoll, għandi l-pjaċir inkompli ngħid li l-ħolma tiegħi saret realta', fejn diversi tfal attendew fil-**Manuċċa *Child Care Centre* taż-Żejtun**. Hawn nixtieq ngħid ukoll li ċ-ċentru tagħna laħaq livell għoli, li dan qed jiġi apprezzat minn kulħadd, kemm mid-Dipartiment Edukattiv, kif ukoll dak Soċjali. Dan kien proġett ambizzjuż, li l-għan tiegħu kien li jkun post ta' għajnuna għal dawk in-nisa u l-irġiel li jixtiequ jħallu lit-tfal tagħhom f'post ċentrali sigur u sabiħ sakemm huma jkunu jistgħu jkomplu bix-xogħol jew bl-istudju tagħhom.

Kienet is-sena 2014 meta ftaħna għall-ewwel darba ċ-ċentru tagħna. Bis-sistema *free child care* u bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali, diversi ġenituri qed jibbenifikaw minn din is-sistema u dalwaqt tkun għal dawk it-tfal l-oħra li l-ġenituri tagħhom ma jaħdmux. Dan iċ-ċentru qed iħalli madwar **€36,000 dħul fis-sena lill-Kunsill Lokali taż-Żejtun**.

Jien, bħala l-moħħ wara dan il-proġett għal diversi snin, li nista' ngħid li grazzi lil-Ex. Sindku, is-Sur Joe Attard, fehem l-idea tiegħi u ra kif għamel biex din il-ħolma li kelli tiġi realta'. Illum, li sa issa għadni immexxi dan iċ-Ċentru bħala *manager* tiegħu fuq bażi volontarja, inħossni

kburija li bqajt naħdem fuqu b'qalbi wara dawn it-tfal u l-ħaddiema tiegħu. Kienet sena diffiċli ħafna minħabba l-pandemija u l-problemi li ġabet magħha.

Dan il-*Child Care Centre* qed jitmexxa mill-Fondazzjoni li jiena *Manager* tagħha fuq bażi volontarja ukoll. Illum iċ-Ċentru qed jilqa' madwar 41 tifel u tifla u jħaddem 9 nisa, 2 fuq bażi *full time* u 7 *part timers*.

Min-naħa tiegħi wkoll, nieħu ħsieb il-pagi, tmexxija u l-*accounts* tiegħu fuq bażi volontarja l-jirrikjedi ħafna xogħol u sigurtà fl-andament tiegħu biex jibqa' jirrendi dħul tajjeb għall-kunsill lokali tagħna.

Din is-sena wkoll, minkejja kollox, b'wiċċi minn quddien ngħid li ħrigt b'unuri kollha għax għal sena oħra kienet suċċess u qed jitmexxa b' mod tajjeb u trasparenti kif kien mit-twaqqif tiegħu mis-sena 2014.





## Familja

Il-familja wkoll għandha posta fil-ħidma tiegħi. Hawn ma naqqsux l-attivitajiet matul is-sena li kienu:

- Diversi Korsijiet għal kulħadd.
- *Recreation Activities - Weekend Breaks.*
- Mixjiet fil-Kampanja.
- Jum il-Mara.
- Jum l-Omm .
- Jum il-Missier.
- Żjarat f'diversi postijiet ta' interess.
- Diversi *films* u *coffee breaks.*

- Għajnuna Soċjali.
- Ġurnata *Etna Land* ġewwa Sqallija.
- Ġurnata *Theme Park* ġewwa Sqallija.
- Ġurnata *shopping* ġewwa Catania, Sqallija.
- Ġurnata oħra ħarġa Kulturali ġewwa Sqallija.
- Ġurnata Kemmuna fuq il-*Horn Blower.*
- Żjara Kulturali.
- Żjarat ġo Għawdex fis-Sajf u fix-Xitwa.
- Ħarġa bit-*Taxi Boat* bejn Bormla, il-Belt Valletta u tas-Sliema.
- Żjarat lill-Anzjani.

Għal darba'oħra organizzajna ***Cruise* fuq il-*Mein Schiff* u *Costa*** għar-residenti Żwieten. Kienu diversi persuni li attendew u ħadu gost tant li talbuni biex nerġa norganizza ieħor għas-sena 2023.

Ġejt mistiedna biex nindirizza konferenza tal-***Malta Rabbit Association*** wara l-ħidma tiegħi bħala Kunsill Lokali, fejn it-tfal ħadu sehem f'attivitajiet bil-fniek tal-istess għaqda.











## Ċentru Arti u Artiġjanat

L-Għaqda Folklor, Storja, Arti u Artiġjanat taż-Żejtun ukoll kellna niefqu matul il-pandemija. L-għan tagħna huwa ewlieni, fejn diversi għalliema fl-artiġjanat, għannejja, kittieba, atturi u oħrajn, qed jagħtu kontribut liż-Żejtun f'diversi okkażjonijet flimkien, biex ikomplu jsaħħu l-identita' tagħna ż-Żwieten. Aħna nieħdu sehem attiv ħafna waqt Żejt iż-Żejtun ukoll.

Din is-sena kellna l-ewwel tifla ta' 11 -il sena, li matul il-ġranet tal-pandemija studjat u ħadmet fuq il-bizzilla Maltija. Diversi residenti nisa u rġiel jattendu għal diversi korsijiet matul il-ġurnata.

Bdejna wkoll korsijiet tal-ġenituri u t-tfal tagħhom miċ-ċentru, u llum tant kibru li qed jattendu ġewwa l-*gym* fi Ġnien San Girgor. Bdew ukoll korsijiet oħra fuq il-qari u kitba tal-adulti li qed isiru bejni u bejn il-kunsilliera **Dorcas Camilleri.**

F'dan iċ-ċentru wkoll, qed nagħti s-sehem tiegħi biex jitqassam l-ikel tal-Fead lil diversi nies vulnerabbli miż-Żoni tagħna.







## GAL Xlokk

Għal diversi snin, bħala **membru fil-Board GAL Xlokk,** qed nagħti s-sehem tiegħi favur xogħol fejdieni għaż-Żejtun u ż-Żwieten. Kienu diversi proposti fit-tfassil tal-miżuri ġodda fil-pjan ta' strateġija dwar Regoli Operattivi għall-programm 2017-2022 sabiex issir referenza fis-sottomissjonijiet. Jiena nieħu ħsieb ukoll li nara li kemm il-Kunsill u għaqdiet oħra fiż-Żejtun jieħdu fondi mill-GAL Xlokk. Jien inkun esposta wkoll biex ngħin lil min jitlob l-għajnuna tiegħi għal xi proġetti fil-lokal tagħna.








## Żejt iż-Żejtun - 16 -il Edizzjoni

Attivita' oħra Żejt iż-Żejtun kienet suċċess ieħor wara sentejn fil-forma kompluta tagħha. Jien ħdimt bla waqfien bħala l-organizzatriċi tagħha fuq din il-festa folkloristika mfittxija miż-Żwieten u l-Maltin kollha. Nista' ngħid li minn xhur qabel, ikolli diversi talbiet sabiex diversi nies jieħdu sehem. Din saret festa Nazzjonali, tant li anki minn barra minn Malta jkollna respons tajjeb ħafna. Din is-sena wkoll, għal darba'oħra, kellna 17 -il kumpanija Folkloristika barranija, li ħadu sehem f'dan il-festival ma' diversi għaqdiet oħra Maltin. Din is-sena żanżanna żewġ bandalori oħra ġodda, biex issa hemm 4 b'kollox għand il-Kumitat tal-Armar tal-Festa. Nista' ngħid li kienet suċċess ieħor bis-sehem tal-għaqdiet Żwieten kif ukoll is-sehem tat-tfal tal-iskejjel tagħna.







2 | Il-Ħadd 2 ta' Ottubru 2022 LOKALI it-TORĊA

# ŻEJT IŻ-ŻEJTUN 2022

Itellgħet is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Settembru

Il-belt taż-Żejtun li ġiet mogħtija t-titlu ta' Citta Beland mill-Gran Mastru Ferdinand Hompesch matul l-aħħar xhur li l-Ordni ta' San Ġwann ħakmet lil Malta fl-1797.

Iż-Żejtun huwa wieħed mill-akbar bliet f'Malta u jkopri medda urbana ta' madwar 1.3km kwadri u medda rurali ta' madwar 3.1km kwadru. Huwa mdawwar bl-irħula ta' Ħaż-Żabbar, Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, Marsaxlokk u Wied il-Għajn, liema rħula minbarra dak ta' Ħal Tarxien kienu jiffurmaw parti miż-Żejtun aktar minn 350 sena ilu.

Iċ-ċelebrazzjoni folkloristika ta' Żejt iż-Żejtun irritornat għas-sittax-il darba fiż-Żejtun. Il-lokalità taż-Żejtun għandha rabta speċjali maż-żebbuġ.

Din is-sena is-sittax-il edizzjoni ttelgħet nhar is-Sibt 24 ta' Settembru mis-7.30 ta' filgħaxija 'l quddiem u l-għada l-Ħadd 25 ta' Settembru bit-tberik tal-annimali.

L-attivitajiet inkludew il-ħruġ tad-defile tal-Gran Mastru u prestazzjoni dwar il-varjetà taż-żebbuġ, fejn ingħata żejt frisk ma' ftajjar biż-żebbuġ.

Dis-sena b'mod speċjali ġie ċċelebrat il-250 sena li ż-Żejtun saret Citta' Beland, allura kien hemm daqsxejn affarijiet differenti. Kien hemm ukoll bejgħ ta' bosta prodotti tradizzjonali Maltin u kotba ta' riċetti li inkludew l-użu taż-żejt taż-żebbuġa.

Din l-attività itellgħet b'suċċess kbir mill-Kunsill Lokali.

Kull minn attenda seta' jisegwi wkoll għana, żfin folkoloristiku minn tnax-il pajjiż differenti, snajja' u artiġġjanat Malti. Kien hemm ukoll siġar taż-żebbuġ u prodotti agrikoli għall-bejgħ.

Matul din l-attività, il-Knisja Parrokkjali, l-Oratorju, il-Karnirja u s-Sala Parrokkjali kienu wkoll esebiti għall-pubbliku. Kien hemm ukoll wirjiet fil-Pandora u l-każini tal-baned.

Din il-festa laħqet il-qofol tagħha l-Ħadd filgħodu bit-tberik tal-annimali ħdejn il-Knisja ta' San Girgor.

### IMBIERKA L-ANNIMALI FIŻ-ŻEJTUN

Għal sena oħra fiż-Żejtun bosta familji flimkien mal-annimali tagħhom ta' kull tip inġabru ħdejn il-Knisja ta' San Girgor.

Il-Ħadd filgħodu viċin il-Knisja ta' San Girgor inġabru l-familji flimkien mal-annimali tagħhom.

Ftit tal-ħin wara waslet ukoll purċissjoni mill-pjazza taż-Żejtun b'numru kbir ta' żwiemel ta' kull daqs, fejn dawn ukoll ġew imbierka.

Din it-tradizzjoni tmur lura s-snin, u sservi ta' appuntament ta' kull sena fejn il-komunità tingħaqad f'apprezzament lejn l-annimali tagħhom.

Minbarra ż-żwiemel, kien hemm diversi annimali domestiċi fosthom klieb, għasafar, fniek u saħansitra xadina li ħaduhom is-sidien tagħhom sabiex jiġu mberkin. Wieħed seta' jinnota l-ferħ fuq wiċċ it-tfal jaraw lill-annimali li jrabbu b'tant għożża jiġu mbierka.

Din it-tradizzjoni ġibdet ukoll l-interess tat-turisti fejn waqfu jammiraw waħda mit-tradizzjonijiet antiki f'pajjiżna.

## Għeluq

Fil-qosor tajt ħarsa ħafifa lejn l-attivitajiet tiegħi għal din is-sena. Sena oħra b'ħidma kbira b'risq iż-Żwieten. Grazzi mill-ġdid lis-Sindku, lil sħabi l-Kunsilliera, lis-Segretarju Eżekuttiv, Anton Falzon, Angelo, Reuben, Stefan, Marthese, Ann Marie u l-ħaddiema manwali għall-għajnuna tagħhom. Ngħid grazzi wkoll għall-fiduċja li dejjem sibt mis-Sotto Kumitat tiegħi, diversi ġenituri, għalliema, *leaders* u *helpers* oħra fil-*Kids Club* kif ukoll liż-Żwieten kollha.

J'alla din is-sena tkun aħjar minn din li kellna.

***Grazzi lil kulħadd.***
***Joan Agius***
***Viċi Sindku***

# Amanda Abela

Id-dekasteri li jiena responsabbli minnhom huma:

- Il-*policy* tal-ilma.
- L-Eko Konformita'.
- In-negozju u l-kummerċ.
- Il-liċenzji tal-ħwienet.
- Il-promozzjoni tan-negozji.

Din is-sena kienet waħda fejn bdejna nerġgħu lura għan-normalita' fejn dan kien ifisser li bħala Kunsill erġajna bdejna l-ħidma u l-attivitajiet fost ir-residenti.

Matul din is-sena ta' ħidma aċċertajt li nwassal l-ilmenti kif ukoll is-suġġerimenti tar-residenti tal-lokalita' taż-Żejtun.

# Gesmond Baldacchino

## Introduzzjoni

Dan huwa r-rapport annwali għas-sena 2022.

## Parkeġġi għall-persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'

Wieħed mid-dekasteri li ġejt inkarigat minnu huwa l-parkeġġi għal persuni bi bżonnijiet speċjali u diżabilita'.

Ta' min wieħed jgħid li dan il-qasam huwa delikat ħafna minħabba li fih iffaċċjajt persuni, min b'diżabilita' severa u min b'anqas, li huwa żgur li huma nies vulnerabbli fis-Soċjeta'. Meta nara l-bżonnijiet tan-nies sabiex inkun nista' nevalwa, li aħna bħala Kunsill Lokali obbligati li nagħmlu minn entitajiet Governattivi, bħal Transport Malta, stajt nidħol fiż-żarbun tal-individwu u stajt inkun iktar preċiż fir-rapport li ridt inħejji. Id-deċiżjonijiet kienu varji min-naħa ta' Transport Malta, pero l-maġġoranza tal-każi marru favur ir-resident. Kellna wkoll deċiżjoniet, li anke wara li assistejna lill-individwu għall-appell, dawn ġew riveduti mid-deċizjoni li kienu marru kontra. Meta jiġi approvat parkeġġ u jsir, ikun hemm ukoll residenti li joġġezzjonaw. Din is-sena, ċertu nies li huma vulnerabbli u fil-pussess tal-*Blue Card u Special I.D.*, kellhom talbiet ma' T.M. sabiex jinħarġilhom il-parkeġġ personalizzat. Din qiegħda toħloq problema peress li l-kaxxa l-bluna qed tkun aktar ristretta. Din is-sena l-Għaqda għall-Persuni b'Diżabilta' (CRPD) inbidlet u bdiet tissejjaħ Aġenzija Sapport.

Aħna, bħala Kunsill, noqogħdu attenti ħafna sabiex innaqqsu kull inkonvenjent, pero wieħed irid jifhem li sabiex dik il-kaxxa riservata tkun saret, kien hemm proċess ta' skrutinju li ma jħares lejn wiċċ ħadd sabiex din issir. Dan hu proċess twil li jibda mill-Aġenzija Sapport li fih ikun hemm rapport dettaljat mediku u rapport min T.M. *(Transport Malta).*






## Ħarsien tal-Ġonna Pubbliċi

Responsabbilta' oħra f' idejja hija s-sorveljanza għall-ħarsien ta' Ġonna Pubbliċi li għandna ġewwa ż-Żejtun fosthom:

- Ġnien il-Qawsalla.
- Ġnien Brejġu.
- Ġnien iċ-Ċrieki.
- Misraħ Mikiel Anton Vassalli.

Ġnien Mikiel Anton Vassalli saritlu manutenzjoni u *upgrade* professjonali sabiex ir-residenti tal-madwar ikollhom post ta rikrejazzjoni ta' livell għoli u estetikament mill-isbaħ. B'nefqa ta' 'l fuq minn mitt elf euro, f'dan il-ġnien, parti mill-art saret bit-turf artifiċjali u l-kumplament bis-*soft flooring* sabiex ma jkunx hemm periklu għat-tfal iż-żgħar. Huwa mistenni wkoll li jiġu nstallati bandli u logħob rikrejattiv adattat għat-tfal.

Xi ġonna pubbliċi jinkludu wkoll *playing fields,* li dawn jirrikjedu manutenzjoni u ħarsien, l-aktar wara li jsiru xi atti vandali minn xi individwi rresponsabbli. Għalhekk, jien nieħu ħsieb li dawn jinżammu fi stat tajjeb u nadif, speċjalment meta s-siġar tal-madwar jibdew iwaqqgħu l-weraq staġjonali. Il-manutenzjoni tirrikjedi wkoll d-dawl pprovdut għal meta jidlam.

Il-manutenzjoni ta' dawn il-ġonna baqgħet għaddejja b'ritmu aħjar. Ħajr għall-ħaddiema li ġew impjegati mill-Kunsill li qed iħallu l-frott mixtieq fit-tisbiħ u ħarsien ta' dawn il-ġonna.



Nieħu ħsieb ukoll li dawn is-siġar isirilhom ż-żbir meħtieġ sabiex is-siġar jinżammu fl-istat li jixirqilhom u fl-istess ħin jagħmlu x-xogħol bżonnjuż li jipprovdu lill-ambjent. Huwa xieraq ukoll li r-residenti li jiddeċiedu li jqattgħu ftit ħin liberu f'dawn il-postijiet, ikunu adattati sabiex jirrilissaw mingħajr l-ebda periklu għal min jiffrekwentahom. Dan ix-xogħol qiegħed jagħti l-frott tiegħu grazzi għall-kuntrattur ingaġġat mill-Kunsill, anke jekk temporanjament, sabiex isir iż-żbir meħtieġ.

## Sorveljanza tal-Latrini Pubbliċi

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tas-sorveljanza tal-latrini pubbliċi.

Fiż-Żejtun għandna 3 latrini pubbliċi li jinsabu:

- Ġnien l-Għannejja (Ġnien San Girgor).
- Misraħ is-Suq.
- Misraħ ir-Repubblika (fil-pjazza taħt iz-zuntier, maġenb il-Knisja Parrokjali).

Nissorvelja li l-latrini ta' Ġnien San Girgor u Misraħ is-Suq jinżammu fi stat nadif u adattat sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda bl-aħjar mod t'iġjene, filwaqt li l-latrina ta' Misraħ ir-Repubblika qiegħda taqdi sew il-bżonnijiet tal-pubbliku li jiffrekwentawha.

B'dispjaċir ikolli ngħid li minn żmien għal żmien, jinbtu gruppi ta' nies li ma jagħmlux ġieħ lis-Socjeta' tagħna peress li dawn jiġu u jqumu bil-vandaliżmu li jwettqu u li wieħed ma jimmaġinax li għad fadal nies irresponsabbli ta' din il-kwalita'.

F'dan il-perjodu ta' bħalissa qiegħdin nistennew il-PWD sabiex tibda u titlesta l-latrina tas-Suq. Dan minħabba li ilu ftit taż-żmien sabiex issir, bil-konsegwenza li qed ikun ta' inkonvenjent għall-pubbliku. Il-Kunsill kien għaqli u nvesta f'latrina temporanja li qiegħda tintuża wkoll.





## Is-Suq fil-Beraħ

Għalkemm dan id-dekasteru ta' Suq fil-Beraħ mistenni li jgħaddi f'idejn il-Gvern imminenti, xorta waħda għamilt żjarat fuq il-monti sabiex nisma' problemi li jiffaccjaw ta' kull nhar ta' Erbgħa l-bejjiegħa. Ikun hemm ukoll ilmenti minn nies li jiffrekwentaw dan il-post. Għalkemm mhux dejjem ikun possibli li l-problemi li jiġu mressqa jkunu sostnuti, dejjem nippruvaw insibu kompromess sabiex wieħed isib is-soluzzjoni flimkien.

Wara diskussjonijiet bejn *Infrastructre Malta* u l-Kunsill, ġie deċiż li l-wiċċ tas-Suq jingħata kisja tarmak sabiex ikun hemm art tajba fejn jarmaw il-bejjiegħa tal-monti, kif ukoll sigurta' u aċċessibbilta' tajba għal min jiffekwenta.

Għalkemm dan ix-xogħol sar bi ftit tal-kontroversja, illum il-ġurnata nista' ngħid li kulħadd issetiljat u l-bejjiegħa jinsabu kollha kuntenti. Il-pubbliku inġenerali wkoll huwa sodisfatt minħabba li l-art tas-suq kienet fi stat ħażin ħafna. Inżergħu wkoll xi *shrubs* u siġar adattati għall-ambjent, kif ukoll sar mill-ġdid is-servizz tad-dawl sabiex dan il-post ikun imdawwal. Għalkemm sar xi tibdil fil-parkeġġ, il-Kunsill xorta waħda seta' jospita attivitajiet imtella minn għaqdiet NGOs.



## *Housing Estates*

Dekasteru ieħor li nieħu ħsieb huwa dak tal-*Housing Estates*, fejn fiż-Żejtun għandna 3 żoni li huma: Ġebel San Martin, Qasam ta' Ħal Tmin u Qasam ta' Ganza.

B'dispjaċir ninnota li l-bżonnijiet u x-xewqat tar-residenti fil-*Housing Estate* mhux dejjem ikunu milqugħa u ndirizzati mid-Dipartiment tal-*Housing* minħabba l-burokrazija li teżisti. Ċertu blokok li jeħtieġu manutenzjoni kbira fil-*lifts* qed jiffaċċjaw problemi kbar. Għalkemm bħala *estates* huma f'idejn id-Dipartiment tal-*Housing,* min-naħa tal-Kunsill dejjem

nippruvaw inkunu ta' għajnuna għar-resident u nservu bħala punt ta' referenza sabiex dejjem niffaċilitaw il-ħajja tar-resident.

Riċentament, il-lift ta' Binja Minżel saritlu bidla radikali sabiex mill-ġdid sar funzjonabbli.

## Konklużjoni

Barra minn dawn l-affarijiet fdati lili mis-Sinjura Sindku, Doris Abela, dejjem nipprova nkun ta' għajnuna għaċ-ċittadin Żejtuni f'dak li jkollu bżonn. Dan kollu jsir sabiex b'sinerġija ma' sħabi l-Kunsillera kollha, ngħinu lil xulxin sabiex nippruvaw nagħmlu l-ħajja tal-poplu Żejtuni aktar faċli u rispettabli.

Fl-aħħar nett, nirringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-istaff kollu tal-Kunsill, inkluż dawk il-ħaddiema manwali li xemx u xita jaħdmu fuq barra, tal-għajnuna u l-koperazzjoni li nsib minnhom.

# Dorcas Camilleri

## Introduzzjoni



Nixtieq nibda dan ir-rapport billi nsellem il-memorja tas-Sur Vince Grixti li kien ta' servizz għal tul tas-snin fi ħdan il-Kunsill Lokali. Ċensu kien raġel b'qalb tad-deheb u dejjem ħadem għall-ġid taż-Żejtun u ż-Żwieten.



Meta nsemmi lil Ċensu ma nistax ninsa lil missieri Frans Camilleri. Fl-istess sena, missieri waqaf jaħdem mal-Kunsill wara li kien ilu 'l fuq minn ħamsa u għoxrin sena mpjegat. Għalhekk, nixtieq nieħu l-opportunita' biex niringrazzjah tal-ħidma li wettaq fiż-Żejtun. Bla ebda dubju l-kommunita' Żejtunija hija grata  għal dak kollu li għamel.

Bħala Kunsilliera responsabbli mill-Anzjani, Persuni bi bżonnijiet speċjali u mill-Edukazzjoni, hawn taħt qed nippreżenta l-attivitajiet li saru matul is-sena 2022.

## L-Għid il-Kbir

Bħal ma' kulħadd jaf, din is-sena tneħħew ir-restrizzjonijiet fejn jidħlu ċelebrazzjonijiet ta' festi. Sfortunatament, ir-residenti ta' Fondazzjoni Nazareth fi żmien il-Għid kienu jinsabu kwarantina. Għalhekk iddeċidejt li din is-sena l-figolli jitqassmu xorta waħda lir-residenti li jinsabu fit-tlett id-djar differenti.



## Klassijiet ta' Reviżjoni

Bħal kull sena, fis-Sajf saru l-klassijiet tar-reviżjoni. Din is-sena kellna madwar 30 student li attendew dawn il-lezzjonijiet. Dawn il-lezzjonijiet saru għal studenti tat-tielet, ir-raba', il-ħames u sitt sena tal-primarja. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lill-għalliema Ms. Rachel Grima tas-servizz u d-dedikazzjoni tagħha.




## Librerija Ġużeppi Pulis Montebello

Din is-sena, il-Kunsill Lokali ta l-ammont ta' €1000 f'kotba lil din il-librerija. B'hekk investejna f'aktar kotba fil-librerija biex b'hekk nolqtu aktar il-gosti tal-qarrejja u nżidu aktar il-varjeta' ta' ġeneri differenti. Dawn il-kotba nxtraw kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar. Sfortunatament, din is-sena l-librerija spiċċat b'kamra waħda biss. B'hekk issa spiċċajna li l-ispazju huwa aktar limitat milli oriġinarjament kien. Ovvjament nittama li din is-sitwazzjoni hija waħda temporanja. Minn hawn nixtieq niringrazzja lis-Sinjura Myriam Marsh tas-servizz tagħha.

## Aqra Miegħi / *Read with Me*




B'kollaborazzjoni mal-Agenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, għal din is-sena reġgħu nedew il-programm ta' qari 'Aqra Miegħi/*Read with Me*' fil-lokalità tagħna. Is-sessjonijiet bdew isiru darba f'ġimgħa fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat kull nhar ta' Erbgħa bejn id-9:30a.m. u l-10:30a.m. Dan il-programm kellu rispons kbir, għalhekk kellhom jingħataw post akbar fi Ġnien l-Għannejja. Grazzi tmur għal Ms. Marisa Attard li qed tanima dawn is-sessjonijiet. Barra minn hekk, nixtieq nirringrazzja lil Viċi-Sindku, Joan Agius li kienet ta' għajnuna kbira għalija, kemm bħala komunikazzjoni, kif ukoll kordinazzjoni.

## *Lifelong Learning*

Bħala kors, din is-sena kellna tal-Ingliż. Dawn il-lezzjonijiet kienu u għadhom isiru kull nhar ta' Erbgħa mill-17:30 sat-20:30 ġewwa ċ-Ċentru Arti u Artiġjanat.

## *Motor Rock Fest*

F'Ottubru b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali, *Skull Bikers* ħadu l-inizjattiva li jorganizzaw attivita' għall-familja kollha ġewwa Misraħ is-Suq. L-għan ta' din l-attivita' kien li jinġabru donazzjonijiet b'risq Fondazzjoni Nazareth. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dan il-klabb

tal-ġest sabiħ li għamlu ma' ħutna r-residenti. Fl-aħħar u mhux l-inqas, grazzi kbira tmur għal Stefan Borg, li ħa ħsieb il-komunikazzjoni u l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'.







## Festin għall-anzjani fil-festa ta' Santa Katarina

Wara sentejn mingħajr ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi, din is-sena nistgħu ngħidu li kienet waħda mistennija. Għalhekk, fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Katarina, ġie organizzat festin b'risq l-anzjani Żwieten li jgħixu fid-dar tal-anzjani, kif ukoll għal dawk l-anzjani Żwieten li jgħixu ġewwa San Vinċenz, attendew.





## Anzjanita' Attiva

Din is-sena waqt Ġieħ iż-Żejtun ġew ippremjati, is-Sur Richard Darmanin u s-Sur Joe Hales fis-sezzjoni tal-Anzjanita' Attiva. Is-Sur Darmanin u s-Sur Hales kienu jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali u ħadmu bis-sħiħ għal ġid tal-komunita' kollha.





Waqt l-istess serata ġew rikonoxxuti numru ta' residenti Żwieten bi bżonnijiet speċjali li pparteċipaw fl-i*Special Olympics*. Fl-aħħar u mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja lill-Kunsillier Sean Chircop tas-serata mill-isbaħ ta' Ġieħ iż-Żejtun.



## Żjara fid-dar tal-anzjani

Tul iż-żminijiet tal-Milied, studenti tas-sitt sena mill-iskola Primarja B, żaru d-dar tal-anzjani taż-Żejtun. F'din iż-żjara, l-istudenti kantaw diversi għanjiet tal-Milied. Ir-residenti laqgħu l-istedina u dehru emozzjonati mmens meta semgħu lit-tfal ikantaw innijiet Maltin. Nistgħu ngħidu li kienet żjara ħelwa u li l-anzjani ħadu gost ikantaw l-għanjiet tal-Milied mat-tfal preżenti.





## Vawċers tal-iskejjel

Fi żmien il-Milied, iż-żewġ skejjel Primarji taż-Żejtun, ġew mogħtija l-ammont ta' €200 f'vawċer mingħand EduRomp f'isem il-Kunsill Lokali. B'hekk, ingħataw l-ammont ta' €400 liż-żewġ skejjel tal-Primarja fiż-Żejtun. B'dawn il-flus, l-iskejjel ingħataw aktar għajnuna biex jinxtraw diversi materjali edukattivi biex b'hekk inkomplu nsaħħu t-tagħlim ta' uliedna.





## Żejt iż-Żejtun

Din is-sena, għal darb'oħra, reġgħet ittellgħet il-festa ta' Żejt iż-Żejtun, fejn din tkun mistennija minn ħafna nies, minn irħula u pajjiżi differenti. Din is-sena, ġew inkoraġġuti biex l-istudenti tal-iskejjel primarji fiż-Żejtun jagħmlu arti relatati ma' din il-festa. B'dawn ix-xogħlijiet saret wirja f'Arti u Artiġjanat. Kull klassi ġiet mogħtija memento bħala ringrazzjament tal-parteċipazzjoni tagħhom. Minn hawn, nixtieq nieħu l-opportunita' li nirringrazzja lill-amministrazzjoni ta' żewġt'iskejjel, lill-għalliema kif ukoll lill-istudenti kollha. Barra minn hekk, grazzi kbira tmur lill-Viċi-Sindku, is-Sinjura Joan Aguis, li tat spazju lill-istudenti Żwieten, kif ukoll tal-ħidma ġenwina ta' bejnietna.

















## Żjara F'Kastilja

Bħala proġett, it-tfal tas-sitt sena, żaru l-Belt Valletta. F'din il-ħarġa, it-tfal kienu ffortunati li ltaqgħu mal-Prim Ministru hekk kif kien għaddej viċin Kastilja kif jidher fir-ritratt. Ftit qabel ma saret il-ħarġa, kont f'kuntatt kontinwu mal-Onorevoli Andy Ellul, biex lit-tfal Żwieten jagħtihom l-opportunita' li jidħlu fiżikament ġewwa l-binja ta' Kastilja. Kienet esperjenza unika, għax parti mill-istudju tat-tfal tas-sitt sena huwa dwar il-bini tal-Belt Valletta. Minn qalbi ngħid grazzi kbira lill-Onorevoli Andy Ellul, li minkejja l-impenji tiegħu, sab il-ħin biex idawwarna mal-binja u tana spjegazzjoni tax-xogħol li jsir hemm.





## Konklużjoni

Minkejja li ma kinitx sena faċli, xorta waħda bqajt naqdi dmiri għall-ġid tal-komunita' Żejtunija. Minn qalbi, nixtieq niringrazzja lill-familja kollha tiegħi tas-sapport kontinwu u talli dejjem kienu hemm għalija. Grazzi lil dawk il-kollegi li kienu viċin tiegħi u li qatt ma ħallewni naqta' qalbi. Fl-aħħar u mhux l-inqas, grazzi lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-ħaddiema kollha tal-għajnuna tagħhom tul din is-sena.

# Sean Chircop

## Introduzzjoni

Din kienet l-għaxar sena tiegħi bħala kunsillier fil-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Wara sentejn tal-pandemija, bil-limitazzjonijiet kollha li kien hemm biex isiru l-attivitajiet, nista' ngħid li wara l-ewwel terz ta' din is-sena rrankajna sew u kienet sena oħra impenjattiva f'dawk li għandhom x'jaqsmu ma' xogħlijiet relatati mat-Taqsima tal-Kultura, l-Istorja u t-Turiżmu.

Barra l-attivitajiet tas-soltu, din is-sena rajt li niffukkaw aktar fuq affarijiet tanġibbli, biex jibqgħu jitgawdew u jagħtu l-frott fis-snin li ġejjin, fejn ħriġna bi proġetti u ideat ġodda. Ma nistax nibda dan ir-rapport ta' ħidma billi ma nirringrazzjax lis-Sindku, li matul din is-sena erġajt sibt għajnuna kontinwa mingħandha, kif ukoll grazzi lill-membri u l-istaff kollha tal-Kunsill, fejn bis-saħħa tal-għajununa u l-koperazzjoni tagħhom qed jirnexxili nwettaq dan ix-xogħol. Nixtieq nirringrazzja wkoll għal darb'oħra lill-għaqdiet Żwieten, il-Parroċċa taż-Żejtun, kif ukoll numru ta' Żwieten, li dejjem urew l-koperazzjoni tagħhom għal kull għajnuna li kelli bżonn minnhom biex tkun tista' tittella' xi attività u titwettaq idea.

## Ħidma b'Risq il-Letteratura fiż-Żejtun

Biex inkomplu nagħtu spazju lill-kittieba Żwieten rajna, biex flimkien mal-MUYA (Malta UNESCO Youth Association), napplikaw għal skema ta' fondi biex inkomplu nippromovu d-djalett Żejtuni u l-poeżija tal-kittieba Żwieten mhux magħrufa.

Permezz ta' din l-iskema tal-MCVS dħalna għall-proġett '**Kelmtejn mill-Popolin**'. F'dan il-proġett ħadna ħsieb li nippubblikaw ktieb b'mod professjonali, b'kitbiet tad-djalett u l-poeżiji, mill-poplu Żejtuni. Dan il-ktieb li għandu kitba minn 30 kittieb differenti ġie mnedi fi Frar u tqassam b'xejn. Għal dik l-okkażjoni, ittellgħet serata fis-sala tal-Kunsill Lokali bis-sehem ta' diversi qarrejja, għannejja u kantanti bil-Malti.



Għal din l-okkażjoni sar konkors letterarju fit-13 ta’ Marzu bil-kitbiet li ħadu sehem, fejn il-premju għall-aqwa kitba bid-djalett mar għas-Sa. Fiona Vella, il-premju għall-aqwa poeżija mill-adulti mar għas-Sa. Janice Caruana u l-premju għall-kitba żagħżugħa għas-Sur Daniel Attard.

Dan il-ktieb, flimkien mal-kotba **Skopri Triqat iż-Żejtun** u **Explore Żejtun** tqassmu lill-*Malta Libraries,* fejn tqassmu fil-libreriji kollha ta’ Malta u anki dawk tad-djar tal-anzjani.

Matul din is-sena komplejna nippubblikaw żewġ ktejbiet oħra mis-sensiela ‘**Kulħadd Xogħlu Jogħġbu**’, fejn qed nagħtu spazju lill-kittieba u poeti Żwieten biex iwasslu fost il-pubbliku l-kitbiet u l-poeżiji tagħhom.



## Is-Sit u l-Paġna tal-*Facebook*

Ħadt ħsieb li s-sit uffiċjali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, *www.zejtunlocalcouncil.com*, matul is-sena jibqa’ jiġi aġġornat b’dak kollu li jkun qed iseħħ fil-Kunsill Lokali. Matul is-sena, eluf ta’ Maltin qed jidħlu f’dan is-sit biex ifittxu informazzjoni utli, kif ukoll informazzjoni fuq l-istorja u l-kultura taż-Żejtun. Qed jintuża wkoll mit-tfal għall-proġetti, hekk kif is-sit issa qiegħed bil-Malti wkoll.

Ħadt ħsieb ukoll li ta' kull ġimgħa nkompli naġġorna l-paġna uffiċjali tal-Kunsill Lokali fuq facebook, ***'Kunsill Lokali Żejtun - Żejtun Local Council',*** biex qed tkun avviżiera aktar qrib il-poplu Żejtuni. Numru kbir ta’ nies qed isibu din il-paġna wkoll utli, fejn hemm kważi 6,000 utent li jżurha b’mod regolari.

## Numru ta’ Proġetti ta’ Restawr

Wara li l-Ministeru tal-Kultura fetaħ l-applikazzjoni għall-proġetti tar-restawr, din is-sena ħadna ħsieb biex napplikaw għar-restawr tal-**Kappella ta’ San Klement**. Dan il-proġett ġie

magħżul u bħalissa għaddejja ħidma mid-Direttorat tar-Restawr biex fis-sena 2023 ikun jista' jibda r-restawr fuq l-erba' faċċati tal-Kappella ta' San Klement.

Din is-sena ħadna ħsieb ukoll biex ikun jista' jibda l-proċess tar-restawr fuq il-pedestall tas-**Salib tal-Pjazza**, li jfakkar ġrajja importanti fl-istorja ta' beltna. Dan ir-restawr se jkun jista' jsir bis-saħħa tal-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici u bil-fondi miksuba mill-*Corporate Social Responsibility* immexxija mill-INDIS. Ir-restawr se jkun qed isir minn *Lapis Curet.* Għadna qed nistennew il-permess biex il-proġett ikun jista' jibda.




Il-Kunsill Lokali se jkun qed jagħmel ukoll ir-restawr tal-faċċata tal-**Ġnien Botaniku tal-Kmandant**. Dan wara li applikajna għall-iskema tar-Restawr, *Measure 1*, fondi mħaddma mill-Fondazzjoni GAL Xlokk. Hekk kif dan il-proġett ġie magħżul, il-Kunsill Lokali kiseb €20,000 fondi biex ix-xogħol ikun jista' jibda u jitlesta matul is-sena 2023. Ħadna ħsieb ukoll minn qabel sabiex napplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess fejn dan diġà jinsab f'idejna.



Rajna li nkomplu nitfgħu pressjoni biex ikun jista' jibda r-restawr fuq il-**Kappella ta' Santa Marija tal-Ħlas**. Dwar dan għadu kemm intagħżel it-tender u l-Kurja se tkun qed tieħu ħsieb ir-restawr tagħha. Barra minn hekk, se jkun qed jibda r-restawr ukoll fuq il-**Kunvent u l-Kappella tal-Ispirtu s-Santu**, liema restawr se jkun qed isir mis-Sorijiet ta' Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

## Ħarsien ta' Binjiet Storiċi u l-Karattru tat-Toroq

Matul din is-sena l-Kunsill Lokali kompla jieħu ħsieb il-karattru taż-Żona Urbana ta' Konservazzjoni fejn jiġu evalwati l-permessi biex tinġibed attenzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-valur arkitettoniku u storiku ta' dawn il-binjiet. Fost 'l oħrajn, rajna li jkun hemm oġġezzjoni dwar l-iżvilupp u l-qerda ta' binja antika fl-inħawi tal-Kappella ta' San Klement. Kien hemm ukoll numru ta' oġezzjonijiet kontra dan l-iżvilupp, kemm mir-residenti, l-għaqdiet non-governattivi u anke l-Kurja. Bħala Kunsill qed inresqu t-talbiet tagħna biex numru ta' kappelli u binjiet storiċi jiġu skedati. Minn hawn nirringrazzja lill-Awtorità tal-Ippjanar li kemm -il darba qed tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-Kunsill Lokali fuq diversi proġetti li jkunu proposti għaż-Żejtun.

## *Bye-Law* tal-Ħamiem

Fl-2020 għaddejt mozzjoni biex l-għalf tal-ħamiem fiż-Żejtun jiġi illegali minħabba li dan iġib ħmieġ u riskju għas-saħħa, fejn jikkawża wkoll ħsara aċiduża fuq il-binjiet storiċi. Din is-sena, minn Frar 2022, il-*bye-law* daħlet fis-seħħ. Fejn issa '*F'kull parti tal-lokalità hu projbit li persuna titma' ħamiem selvaġġ. Hu projbit ukoll li persuna tħalli, b'mod volontarju, ikel f'postijiet aċċessibbli għall-ħamiem*' u '*s-sidien ta' proprjetà immobbli abbandunata ġewwa l-lokalità għandhom jiżguraw li l-imsemmija proprjetà tkun imbarrata b'tali mod li ma jkunx jista' jidħol jew ibejjet ħamiem selvaġġ ġewwa fiha'. B*is-saħħa ta' din il-*bye-law* u bil-ħidma tal-Kunsilliera Stephanie Fenech u Jesmond Baldacchino din il-problema qed tiġi indirizzata.

Fil-fatt madwar iż-Żejtun twaħħlu wkoll diversi tabelli biex javżaw lill-pubbliku li huwa illegali jekk tagħlef il-ħamiem. Il-problema jidher li naqset ħafna, l-aktar fuq iz-zuntier.



# Attivitajiet Kulturali

Din is-sena minħabba r-restrizzjonijiet tas-saħħa li kienu u għadhom fis-seħħ, ma setgħux isiru l-attivitajiet annwali min-nofs Marzu 'l quddiem, ħlief għal waqfa fis-Sajf, b'hekk diversi attivitajiet annwali kellhom jitħassru.

## Tifkira tal-Gwerra

Biex infakkru t-80 sena anniversarju mit-Traġedja tal-Pjazza, tat-2 ta' Mejju, 1942, bħala Kunsill ħadna ħsieb li niltaqgħu, flimkien mal-għaqdiet Żwieten, biex inpoġġu kuruna tal-fjuri ad unur missirijietna li ħallewlna f'din it-traġedja. It-tifkira saret fit-8 ta' Mejju.

## 19 ta' Marzu

Wara li fl-2020 sar ir-restawr tan-Niċċa ta' San Ġużepp fi Triq Marsaxlokk, mill-2020 'l hawn baqgħet okkażjoni annwali li fid-19 ta' Marzu, flimkien mas-Sodalità ta' San Ġużepp, infakkru dan il-jum billi jitpoġġew il-fjuri quddiem in-niċċa.

## SpazjArti

Matul din is-sena erġajna komplejna nagħtu spazju lill-artisti biex jesebixxu x-xogħol tagħhom fir-*reception* tal-Kunsill Lokali fejn niddedikaw xahar sħiħ lill-artist partikolari.

## Is-Serata ta' Ġieħ iż-Żejtun - 23 ta' Lulju, 2021



Matul din is-serata, bħas-snin imgħoddija, reġa' kien hemm il-**Konkors Letterarju Annwali** tal-Kunsill Lokali, li kull sena qed jieħdu sehem fih kittieba ġodda. Din is-sena kellna numru sabiħ fejn jidħlu kittieba u anki l-livell ta' kitbiet, 45 kitba. F'dan il-Konkors, ġew ippremjati l-aqwa rakkont b'Malti standard (li ntrebaħ mis-Sa. Rita Saliba), l-aqwa poeżija (li ntrebħet mis-Sa. Daniela Schembri), u l-aqwa poeżija tat-tfal (li ntrebħet mis-Sa. Maya Cassar). Ingħata t-Trofew Frans Baldacchino (il-Budaj) għall-aqwa poeżija, u għall-ħames darba, ingħata t-Trofew Lino Psaila għall-aqwa silta bid-djalett Żejtuni, li ħaditu s-Sa. Emma Pace. Il-kitbiet kollha li ħadu sehem ġew ippubblikati f'żewġ ktejbiet biex ikunu jistgħu jitgawdew mill-pubbliku. Din is-sena wkoll se jiġu ppremjati xogħlijiet letterarji bl-istess format. Din is-sena s-serata ser terġa ssir fis-6 ta' Lulju.

Dakinhar ġie onorat ukoll bil-midalja ta' Ġieħ iż-Żejtun, l-arġentier Żejtuni, is-Sur Ġużeppi Aquilina. Fl-istess serata, ingħataw ukoll unuri oħra ta' apprezzament, fejn ingħataw premjijiet speċjali lil 8 persuni fil-qasam tagħhom: il-Premju Anzjanità Attiva lis-Sur Ritchie Darmanin u s-Sur Joe Hales, il-Premju Fjamma Żagħżugħa lis-Sa. Tesmarie Busuttil u lis-Sa. Briannah Caruana, il-Premju Sportiv tas-Sena lis-Sa. Luca Grixti u s-Sa. Carla Scicluna u l-Premju Ħarsien il-Wirt Kulturali, is-Brian Caruana u s-Sur Henry Demanuele. Waqt l-istess serata ingħata wkoll l-ġieħ speċjali, Tisħiħ ir-Riċerka Akkademika, lill-rettur tal-Università, il-Profs. Alfred Vella.

Waqt is-serata, ingħataw ukoll tifkira ta' apprezzament lill-atleti kollha li ħadu sehem fil-Logħob Olimpiku Speċjali li ttella' f'Malta.

Is-serata ttellgħet fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u kienet ippreżentata mis-Sur Jean Claude Gatt u bis-sehem tal-kantanti Cherylis u Geo Debono, fejn annimaw is-serata b'numru ta' kanzunetti bil-Malti.

Wara saret bibita fi Ġnien tal-Kmandant, fejn ħadna ħsieb li nuru l-potenzjal u s-sbuħija ta' dan il-ġnien.

# Il-Milied fiż-Żejtun

Għal waqt il-festi tal-Milied, ħejjejna programm sħiħ ta' attivitajiet tul ix-xahar ta' Diċembru b'fondi miksuba mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Barra l-attivitajiet li saru, ħadna ħsieb li narmaw għall-ewwel darba l-presepju fuq iz-zuntier u saru girlandi ġodda għall-Pjazza kif ukoll għal Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill.

Fost l-attivitajiet li saru kien hemm:

## Lejl Imdawwal

Fis-7 ta' Diċembru tajna bidu għall-programm tal-Milied b'attività għat-tfal fuq iz-zuntier fejn kien hemm lejl ta' mużika, kant u żfin. Kellna wkoll il-*bouncing castle* u s-Santa Klaws. F'din il-lejla, ngħabbru rigali għat-tfal fil-bżonn, parti mill-kampanja 'Rigal bi Mħabba'.

## *Workshop* tal-Presepju

Fit-8 ta' Diċembru sar kors tal-presepju mill-presepista Żejtuni Emmanuel Vella, fil-binja tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun.

## Wirja u Kompetizzjoni tal-Presepju

Mid-9 sal-13 ta' Diċembru, ittellgħet wirja tal-presepji fis-swali tal-Kunsill Lokali. B'kollox kien hemm 29 presepju għall-wiri maqsuma fi 3 kategoriji. Dawk li ħadu sehem f'din il-wirja u kompetizzjoni kellhom iċ-ċans jirbħu sa' €300 fi premijiet.

## Kompetizzjoni Tiżjin tal-Milied

Din is-sena reġgħet saret il-kompetizzjoni tal-isbaħ tiżjin fid-djar taż-Żejtun, fejn b'kollox kien hemm tliet kategoriji tal-isbaħ tiżjin ġenerali fid-djar, l-isbaħ tieqa/faċċata mżejna tal-Milied u l-isbaħ mejda mżejna tal-Milied. Hawnhekk dawk li ħadu sehem setgħu jirbħu premijiet li jammontaw għal €600.

## *The Magical Garden*

Fit-23 ta' Diċembru, flimkien mal-Kunsilliera Stephanie Fenech, ittellgħet lejla mimlija attivitajiet tal-Milied, fosthom suq tal-Milied, presepju ħaj, mużika, divertiment, diversi nies lebsin ta' karattri assoċjati mal-Milied u aktar fis-seħer ta' Ġnien San Girgor u l-Ġnien tal-Kmandanat.



## Kunċert tal-Milied

Fid-29 ta' Diċembru ġie mtella' l-kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fejn kellna fostna l-kor VOCA b'mużika gospel, fejn kantaw għall-ewwel darba għanjiet tal-Milied bil-Malti miktuba għall-kunċert mill-awtur Żejtuni Trevor Zahra. Dak in-nhar ġie ppubblikat ukoll ktejjeb bl-għanjiet kollha tal-Milied li tkantaw.



## <u>225 Sena - Città Beland</u>

Din is-sena ġie mfakkar il-225 sena anniversarju minn meta ż-Żejtun ingħata t-titlu ta’ belt, Città Beland, mill-Gran Mastru Hompesch. Dan l-anniversarju ġie mfakkar b’kunċert bl-isem *Carlo Diacono in Concert* mill-orkestra tal-Cappella Diacono u l-kor Mirabitur, fejn indaqqew u tkantaw diversi kompożizzjonijiet miktuba mill-kompożitur Żejtuni Carlo Diacono, li ħafna minnhom ilhom ma jinstemgħu fil-pubbliku għal għexieren ta’ snin.



## Trofew Carlo Diacono

Matul il-Kunċert tal-Milied normalment jingħata t-**Trofew Carlo Diacono** lill-aqwa bandist tas-sena taż-żewġ baned ewlenin taż-Żejtun. Għal din is-sena, it-trofew kellu jingħata fis-6 ta' Lulju, fejn ingħata l-premju għas-sena 2020 u s-sena 2021. Għas-Soċjeta Mużikali Beland, mar għas-Sur Joseph Gatt u s-Sur Mark Pace, għall-Għaqda Band Żejtun għas-Sur Jerome Aquilina u s-Sur David Mizzi u għall-Cappella Diacono għall-Mro. Ray Sciberras u s-Sur Joseph Mercieca.

It-Trofew Carlo Diacono għas-sena 2022 ingħata nhar it-30 ta' Diċembru fejn għas-Soċjetà Mużikali Beland mar għas-Sur Julio Pace u għall-Għaqda Banda Żejtun mar għas-Sa. Roseanne Bonnici.

## Innu liż-Żejtun

Għall-okkażjoni tal-225 sena anniversarju ta' Città Beland, instema' għall-ewwel darba l-Innu liż-Żejtun b'mużika ta' Mro. Ray Sciberras u kitba ta' Trevor Zahra.

***Jaf il-ferħ tat-tfal u ż-żgħażagħ,***
***Jaf il-bikja tal-magħkus,***
***Jaf il-ħeġġa tal-qalbiena,***
***U r-rebħiet ta' ġens meħlus.***

***Art ta' mqades u palazzi,***
***Jixhdu l-eqdem fdalijiet,***
***B'katidral tal-lvant imżejna***
***Ġieħ lill-art u lis-smewwiet.***

*RIT:* ***Iż-Żejtun ma' Katarina***
***Li ħarsitu tul iż-żmien,***
***Iż-Żejtun iqim l-imgħoddi***
***Waqt li jħares 'il quddiem.***

# <u>Turiżmu</u>

Din is-sena komplejna nirreklamaw liż-Żejtun bħala destinazzjoni turistika biex inħeġġu aktar Maltin u turisti jżuru ż-Żejtun. Organizzajna diversi mixjiet kulturali fejn fosthom saru mixjiet kulturali waqt Żejt iż-Żejtun, bi 3 rotot differenti. Kif ukoll ingħatat l-għajnuna lill-gwiedi biex iġibu t-turisti ż-Żejtun. Barra minn hekk, permezz tal-ktieb u l-app tal-mobile, *Explore Żejtun,* ħajjarna aktar studenti fit-turiżmu biex jagħmlu t-teżi tagħhom dwar il-potenzjal taż-Żejtun. Kelli s-sehem tiegħi fuq il-proġett KulturAll, immexxi mill-Kunsilliera Stephanie Fenech, fejn ġew iż-Żejtun persuni mill-Italja, l-Iżvezja, ir-Rumanija u Aruba.

Ir-reklam taż-Żejtun bħala destinazzjoni turistika wkoll kompla fuq il-mezzi tax-xandir hekk kif kelli l-opportunità li nirreklama liż-Żejtun darbtejn, waqt il-programm Indigo u anke The Local Traveler fuq ONE TV.




F'Jannar applikajna biex iż-Żejtun ikun nominat fil-*Malta Film Awards* għal *Best Maltese Film Location* biex inkomplu ntellgħu 'l fuq iż-Żejtun bħala post turistiku u kulturali fl-industrija tal-films. Bi pjaċir ngħid li ż-Żejtun kien wieħed mill-5 finalisti. Infatti, matul din is-sena, inħadem ukoll short film fi Triq il-Kunċizzjoni.

## *Universal Peace Walk*

Bis-saħħa tal-għaqda XirCammini, għall-ewwel darba fit-12 ta' Marzu, saret il-*mixja Universal Peace Walk*, il-mixja oriġinali ta' San Girgor, mill-Imdina saż-Żejtun. Din kienet ser isir għall-ewwel darba fl-2020. Matul din ir-rotta, twaħħlu diversi tabelli, biex min ikun irid ikun jista' jibda jimxiha waħdu. B'hekk, issa ż-Żejtun sar id-destinazzjoni finali ta' din il-mixja. Eżempju ta' din il-mixja hija l-*Camino de Santiago* fi Spanja.

## Kompetizzjoni Fotografija

Biex inkomplu nippromovu l-kultura, it-tradizzjonijiet, il-ħajja soċjali, l-istorja u l-binjiet storiċi taż-Żejtun, f'Marzu ġiet imnedija kompetizzjoni tal-fotografija bi premju fejn kien hemm rispons tajjeb ħafna, li daħlu aktar minn 400 ritratt dwar iż-Żejtun.

Għal dan il-għan, saret ukoll mixja għall-fotografi madwar iż-Żejtun fl-10 ta' April, bl-isem *'Walk and Shoot'*, flimkien mal-Klabb360.

Minn dawn ir-ritratti, ġew magħżula l-aqwa 100, fejn imbagħad saret wirja tal-fotografija bihom, fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat, għal waqt Żejt iż-Żejtun, bl-isem 'Lenti Fuq Beltna'.

Finalment imbagħad intagħżlu l-aqwa 10 ritratti li llum qed iżejnu sala prinċipali tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, Sala Mikiel Cachia. Il-kumplament tar-ritratti finalisti se jkomplu jintużaw għall-promozzjoni taż-Żejtun.



## *The Artists of Zejtun* u Riflessi miż-Żejtun

Biex inkomplu nippromovu l-wirt intanġibbli li nsibu fiż-Żejtun, ħadna ħsieb li napplikaw għall-fondi tal-programm LEADER immexxi mill-GAL Xlokk, Miżura 3 għall-Promozzjoni tal-Wirt Kulturali.

Bis-saħħa ta' din il-miżura ksibna €10,000 f'fondi biex inkunu nistgħu noħorġu żewġ kotba, **Rifessi miż-Żejtun** u ***The Artists of Żejtun.*** 'Riflessi miż-Żejtun' jittratta dwar it-tradizzjonijiet antiki li nsibu f'beltna, l-aktar dawk li għandhom x'jaqsmu mas-settur tal-agrikultura u l-ħajja tradizzjonali tal-lokal. Filwaqt li f'*'The Artists of Żejtun'* se nippromovu 100 arti differenti li nsibu f'beltna, u li jagħmlu ż-Żwieten.

Dawn iż-żewġ kotba se jkunu qed joħorġu fl-2023.

## Ismijiet ta' Toroq

F'dawn l-aħħar tliet snin bdejt nieħu ħsieb ukoll l-ismijiet tat-toroq u n-numerazzjoni tal-bibien. Il-prijorità tiegħi hi li l-ismijiet eżistenti ma jinbidlux, peress li dawn qed jirriflettu l-istorja ta' beltna u missirijietna. Ħadna ħsieb li nagħtu ismijiet ġodda għal toroq bla isem f'Qasam Ħal Tmin, Qasam Ta' Ganza kif ukoll fl-inħawi ta' Ġebel San Martin fejn ingħataw ismijiet għal diversi nisa li għamlu ġieħ liż-Żejtun: Blanche Huber, Frances Grima, Maggie Moran u Fanny Attard Bezzina, kif ukoll ġew imfakkra t-Tabib Ġużeppi Caruana u l-artist Nenu Delia.

Din is-sena komplejna naħdmu flimkien mal-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq biex jingħataw numru ta' bibien ġodda. Peress li ħafna djar qed jinbidlu f'kumplessi ta' appartamenti ikun hemm bżonn tibdil, fejn hawnhekk naraw li ma tantx jiġu effettwati nies.

Inbidlu wkoll numru ta' tabelli tal-ismijiet tat-toroq.

## *Palladis Clara Munere*

Din is-sena ħadt ħsieb li ngħaddi mozzjoni biex il-Kunsill Lokali taż-Żejtun jibda juża l-motto storiku taż-Żejtun bil-Latin, li dan l-isem fl-aħħar mill-aħħar għandu l-istess definizzjoni tal-motto bil-Malti, 'Frott iż-Żebbuġ Ismi'.

## Tabelli




Mill-aħħar ta' dan is-Sajf, is-Sindku kellha l-pjaċir li toffrili taħt id-dekasteru tiegħi wkoll ir-responsabbiltà tat-tabelli tat-traffiku li nsibu fiż-Żejtun, fejn mill-ewwel ħadt ħsieb nara x'tabelli kien ilhom jistennew li jinbidlu u bdejna norganizzaw aħjar l-ordnijiet u t-tibdil tat-tabelli. Fost l-ewwel tabelli li nbiddlu kien hemm dawk ta' ħdejn l-Iskola Primarja u dik Sekondarja. Ġew implementati wkoll numru ta' maniġjar tat-traffiku li kienu ilhom jistennew is-snin biex jiġu implimentati. Bħalissa, qed jinbidlu t-tabelli ta' diversi żoni fiż-Żejtun, fejn sa issa saru l-inħawi ta' Wara l-Knisja, Ġnien Brejġu, Ta' Pizzuta u d-dawra tas-Suq.

Saru numru ta' tabelli tad-direzzjonijiet ġodda fejn ħadu dehra differenti u aħjar biex ikunu jistgħu jinftehmu minn kulħadd. Barra l-postijiet prinċipali, qed jiġi indikat ukoll x'jista' jsib wieħed f'dawk l-inħawi, fosthom: postijiet assoċjati mat-turiżmu, postijiet ta' akkomodazzjoni, *estates* assoċjati mal-inbid, il-mużew tal-parroċċa, postijiet storiċi u aktar.

Issa sar ukoll ftehim ma' *Instrastructure Malta* biex dawn it-tip ta' tabelli ma jibqgħux joħorġu mill-ispejjeż tal-Kunsill.

## Għeluq

Hawn tajt ħarsa ħafifa lejn ix-xogħol li sar matul din is-sena u li kien ħaqqhom jissemmew. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Sindku s-Sinjura Doris Abela, tal-koperazzjoni li dejjem sibt mingħandha għal kull idea li xtaqt inwettaq matul din is-sena. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-Kunsilliera sħabi kollha tal-koperazzjoni u l-għajnuna li dejjem sibt mingħandhom. Bla dubju ta' xejn, nixtieq ngħid grazzi kbira lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, fosthom lis-Segretarju Anton Falzon, li jkun ta' għajnuna kbira matul is-sena biex kollox jitmexxa b'mod tajjeb f'kull attività, u lil Angelo u Reuben tal-paċenzja li jieħdu. Filwaqt li nixtieq nirringrazzja wkoll lil Stefan, Ann Marie, Marthese u Jesmond tal-għajnuna li sibt mingħandhom fil-ħidma tal-2022 kif ukoll lill-ħaddiema ‘l oħra kollha tal-Kunsill, fosthom lil Lawrence u Clifford, li jkolli ħidma diretta magħhom.

Fl-aħħar u mhux l-anqas, nixtieq nirringrazzja lil dawk il-persuni kollha li nsib l-għajnuna tagħhom għall-attivitajiet varji, fejn għal kull attività nista’ ngħid li hemm persuni partikolari li jagħtu l-kontribut tagħhom, iżda żgur ma nistax ninsa lill-familja tiegħi.

# Stephanie Fenech

## Introduzzjoni

Sena oħra fejn stajna nwettqu l-pjanijiet u l-attivitajiet tagħna fin-normalita', fejn bħas-soltu ippruvajna li nkunu innovattivi f'dak li qed norganizzaw u nsegwu dak li verament għandhom bżonn ir-residenti.

## Żgħażagħ

Pruvajna kemm jista' jkun biex inkunu ta' **sostenn għaż-żgħażagħ** fi żmien li kellhom jaffaċċjaw sfidi ġodda. Tajna diversi opportunitajiet lil żgħażagħ li ħadmu fuq proġetti ta' volontarjat relatat mas-*Systems of Knowledge* kif ukoll sigħat rikjesti mill-MCAST. Offrejna diversi opportunitajiet ta' safar barra minn Malta, li se nkun qed nidħol fihom fil-qasam tal-proġetti tal-Ewropa.

## Sport

Bqajna għaddejjin b'**sessjonijiet tal-attivita' fiżika** matul is-sena kollha u tajna l-aċċess biex jintuża kemm jista' jkun kemm l-ispazju miftuħ fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u anke fejn kien hemm is-sala li tinsab fl-istess ġnien għal sessjonijiet diversi, fosthom: *Zumba*, *yoga* u *fitness* għal etajiet differenti kif ukoll arti marzjali. Inkoraġġixxejna lir-residenti biex jibqgħu attivi sabiex l-individwu jibqa' anke mentalment san apparti fiżikament b'saħħtu.

Ikkollaborajna mal-*Maltese Olympic Committee* u anke ingħatajna rikonoxximent tal-ħidma tagħna fil-qasam sportiv li ħdimna fuqu matul is-sena 2021. Ikkollaborajna mill-ġdid fil-ġbir ta' donazzjonijiet u tqassim ta' flokkijiet għal *The President's Fun Run 2022* li dis-sena reġgħet saret fin-normalita' tagħha li tispiċċa ġewwa l-Belt. Kien ta' pjaċir għalina li għall-mixja stajna nagħtu l-input massimu tagħna b'sapport lill-President ta' Malta u l-*MCCF*.

## Saħħa

Għal darb'oħra, il-**vaċċin staġjonali tal-influwenza** għal din is-sena ma kienx responsabbilta' tal-Kunsill Lokali minħabba l-pandemija. Diversi persuni wieġbu għas-sejħa tal-Gvern biex kemm jista' jkun il-pubbliku jitlaqqam.

Kellna diversi żjarat mill-Bank tad-Demm ġewwa Misraħ Girgor Bonici permezz tal-*mobile unit*, inizjattiva li dejjem tintlaqa' tajjeb mir-residenti b'konkorrenza qawwija. Kellna wkoll diversi żjarat mill-istudenti tal-Fakulta' tas-Saħħa fejn taw pariri utli kif persuna tieħu ħsieb lilha nnifisha u lil ta' madwarha waqt il-pandemija, kif ukoll teħid ta' zokkor fid-demm, pressjoni u BMI. Ikkomemorajna diversi ġranet relatati mas-saħħa, fosthom: il-*Pink October* u *Blood Donor Day.*

## Trasport Pubbliku u Mobbilita' Alternattiva

Fl-2021 applikajna b'suċċess għall-*European Mobility Week 2021* u rnexxielna niksbu €25,000 biex nixtru vann tal-elettriku biex jintuża għal **servizz ta' trasport interkomunitarju** għal anzjani u persuni vulnerabbli. Il-proċess beda, u t-tender fil-preżent ingħalaq u qed nistennew li ma ndumux li jasal il-vann biex nibdew nipprovdu dan is-servizz tant meħtieġ matul is-sena 2023.

## Fondi tal-Ewropa

Applikajna għal diversi proġetti tal-Ewropa, prinċipalment skambji u korsijiet fi ħdan l-*Erasmus Plus.* Kienet **sena mimlija b'opportunitajiet** għax bosta minn dawn il-proġetti ġew approvati u rajna li jiġu attwati bosta minnhom li jirrekjedu safar barra minn Malta. Il-proġetti li wettaqna din is-sena kienu jinkludu :

- Komplejna l-proġett ta' sena dwar l-edukazzjoni sesswali fost iż-żgħażagħ. Diġa kellna kors ta' taħriġ ġewwa l-Isvezja u barra riċerka, aktar 'il quddiem matul is-sena, ipparteċipajna fi skambju ġewwa Rimini fl-Italja għal 7 żgħażagħ.
- Bdejna proġett estensiv ieħor fuq bażi ta' sentejn bl-isem *Culturalla* fejn se nkunu qed naraw metodi kif aktar żgħażagħ ikollhom aktar aċċessibbilita' għall-kultura, permezz anke ta' metodi informali u logħob dwar it-tema. Flimkien ma' *partners* mill-iSvezja, Rumanija, Aruba u Italja, kellna diversi mawriet ġol-bliet rispettivi u anke ospitajna grupp ta' taħriġ ġewwa pajjiżna f'Settembru, fejn anke stajna nesponu l-kultura ta' Beltna. Matul is-sena 2023, dal-proġett ikun lejn il-fażi tat-tieni sena fejn inkomplu b'aktar intensita'.



## Ħarsien tal-Annimali

Matul is-sena bqajna għaddejjin nutiliżżaw il-fondi mingħand il-Ministeru tal-Agrikoltura u l-Ħarsien tal-Annimali, *LC Care Fund*, fosthom għal servizzi veterinarji u mediċini għall-qtates ta' barra. Id-*dog park* infetaħ uffiċjalment u jintuża ħafna mir-residenti. Xtrajna aktar apparat apposta biex il-*feeders* inkunu nistgħu wkoll nipprovdulhom aktar sapport biex isewwu l-qtates.

Qed nifhmu wkoll il-problema kbira li għandna bil-ħamiem selvaġġ fil-lokalita'. Irreġistrajna isimna mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex nibbenefikaw minn skema ta' għalf kontraċettiv biex ma jibqax jitkattar. Bħalissa għandna 2 *contraception domes,* waħda kienet fuq is-sala tal-Knisja, u wara li rajna riżultati sodisfaċenti, din iċċaqalqet għal fuq iċ-Ċentru Arti u Artiġjanat biex inkopru t-toroq biswit. Preżentament, għandna waħda wkoll fuq il-bejt ta' *Paolo Freire Institute* biex nilħqu t-toroq biswit Triq Sant'Anġlu.



## Għeluq

Fl-**egħluq ta' dan ir-rapport**, nirringrazzja lill-familja u l-kollegi tiegħi tal-għajnuna li nsib f'kull ma jkun hemm bżonn. Inħarsu 'l quddiem lejn din is-sena ġdida li nemmnu u tidher li se tkun iktar pożittiva. Grazzi lis-Sindku u sħabi kunsilliera tal-kuraġġ u s-sostenn li nsibu f'xulxin, lis-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff, kemm amministrattiv u manwali, tal-koperazzjoni dejjiema tagħhom.

# Rapport u l-Estimi Finanzjarji għall-2023

## Anton Falzon, is-Segretarju Eżekuttiv

Qed inressqu l-estimi finanzjarji tal-Kunsill Lokali Żejtun għas-sena finanzjarja 2023.

Hekk kif jidher fir-rapport finanzjarju, din is-sena, minkejja l-bosta xogħol li sar fil-lokalita', b'għaqal u determinazzjoni għalaqna s-sena finanzjarja b'bilanċ pożittiv ukoll.

Kienet sena wkoll li sfortunatament fiha rajna l-ispejjeż tal-operat jogħlew iżjed fuq is-snin preċedenti. Fost affarijiet oħra, l-ispejjeż tal-kuntratt għall-knis tat-toroq urbani żdied sostanzjalment, filwaqt li l-ispiża għall-ġbir tal-iskart goff qiegħda kull sena tiżdiet. Wieħed jista' jinnota wkoll li l-ispiża fis-salarji żdiedet ukoll meta kkumparata fl-aħħar snin. Dan ma sarx b'kapriċċ, iżda permezz taż-żieda fir-riżorsi umani, illum il-Kunsill m'għadux dipendenti fuq kuntratturi sabiex iwettaq ix-xogħol fuq il-ġonna, rqajja' fil-lokal kif ukoll it-tindif fiż-żoni mhux urbani.

Matul is-sena 2022, saru proġetti ta' natura kapitali fil-lokal. Fost dawn sar it-tisbiħ f'Misraħ ta' Pizzuta bi spiża ta' €120,000 kif ukoll il-proġett fi Triq San Franġisk bi spiża ta' €82,000, li kien proġett ambizzjuż u xejn faċli, iżda b'rieda u determinazzjoni sar kif kien ippjanat u mixtieq. Sabiex saret din l-ispiża kapitali u fl-istess ħin inżammet ukoll sitwazzjoni finanzjarja ta' likwidita' tajba, sar kull sforz sabiex l-ispejjeż tal-operat inżammu kemm jista' jkun taħt kontroll.

Matul l-2022, sar kull sforz sabiex il-Kunsill japplika għal fondi addizzjonali għat-twettiq ta' proġetti, kemm dawk kapitali kif oħrajn li jħallu impatt soċjali. Fost dawn, permezz t'applikazzjoni li ntlaqgħet b'suċċess, ser isir proġett f'Misraħ Ħal Tmin, fejn din ser tinbidel minn żona mitluqa li fiha biss pavimentar antik għal żona rikreattiva. Permezz ta' skema oħra, il-Kunsill ser jingħata fondi sabiex isir tisbiħ fi Ġnien iż-Żgħożija, fejn ser jingħata dehra ġdida, kif ukoll jinbidel it-tagħmir tal-logħob tat-tfal. Tajjeb wieħed isemmi wkoll li matul l-2023, ser jinxtraw tlett vetturi elettriċi permezz ta' fondi li ser jingħataw mill-aġenzija LESA u Transport Malta permezz tal-fond *European Mobility.*

Matul l-2023, il-Kunsill ser ikun qiegħed jara li jesegwixxi proġetti kapitali oħrajn li għalihom l-Kunsill ingħata l-fondi. Fost dawn, hemm ir-restawr tal-faċċata ta' Ġnien il-Kmandant, it-tisbiħ ta' Ġnien Brejġu, it-tibdil tal-pavimentar ta' Ġnien San Girgor, it-tisbiħ ta' Misraħ Ħal Tmin kif ukoll il-proġett ambizzjuż tal-*jogging track* f'Ġebel San Martin. Sintendi, wieħed ta' min jirrimarka li l-fondi li kiseb il-Kunsill mhux ser ikopru l-ispiża kollha sabiex jitwettqu dawn il-proġetti kollha, għaldaqstant ser isir kull sforz sabiex jinkisbu fondi addizzjonali.

Nagħlaq dan ir-rapport billi nirringrazzja lis-Sindku u l-ħaddiema kollha għas-sostenn u koperazzjoni sħiħa tagħhom matul is-sena. Żgur li mingħarjhom ir-riżultati miksuba ma kienux ikunu possibbli.

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv

## Statement of Income and Expenditure

| DESCRIPTION | BUDGET Jan-Dec 2022 | ACTUAL Jan-Dec 2022 | BUDGET Jan-Dec 2023 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Income** | | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 1,179,544 | 835,761 | 1,335,188 | 155,644 | 201,427 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 48,800 | 42,971 | 53,635 | 4,835 | (336) |
| Income raised from LES (3) | 9,800 | 6,121 | 7,000 | (2,800) | (621) |
| Investment Income (4) | 350 | 14 | 120 | (230) | (34) |
| Other Income (5) | 15,750 | 11,277 | 16,400 | 650 | (1,397) |
| **TOTAL** | **1,254,244** | **896,144** | **1,412,343** | **158,099** | **199,039** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 240,567 | 193,094 | 307,927 | 67,360 | 44,472 |
| Operations and Maintenance (7) | 599,816 | 434,076 | 579,600 | (20,216) | (23,876) |
| Administration (8) | 56,600 | 26,755 | 47,000 | (9,600) | (10,855) |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 301,664 | 184,109 | 287,319 | (14,345) | 103,210 |
| **TOTAL** | **1,198,647** | **838,034** | **1,221,846** | **23,199** | **112,951** |
| **Surplus / Deficit** | **55,597** | 58,110 | 190,497 | 134,900 | 86,088 |

## Statement of Financial Position

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2022 | ACTUAL as at 31 Dec 2022 | BUDGET as at 31 Dec 2023 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € |
| **Non-current Assets** | | | | | |
| Property, Plant and Equipment (16) | 1,676,940 | 1,614,263 | 1,709,193 | 32,253 | 94,930 |
| **Current Assets** | | | | | |
| Inventories (11) | - | - | - | - | - |
| Receivables (12) | 100,148 | 99,921 | 49,734 | (50,414) | (50,187) |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 1,760,425 | 1,749,037 | 1,760,425 | - | 11,388 |
| **Total Current Assets** | **1,860,573** | 1,848,958 | 1,810,159 | (50,414) | (38,799) |
| **Current Liabilities (14)** | | | | | |
| Payables | 303,008 | 354,128 | 284,799 | (18,209) | (69,329) |
| **Total Current Liabilities** | **303,008** | 354,128 | 284,799 | (18,209) | (69,329) |
| **Net Current Assets** | **1,557,565** | 1,494,830 | 1,525,360 | (32,205) | 30,530 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **3,234,505** | 3,109,093 | 3,234,553 | 48 | 125,460 |
| **Reserves** | | | | | |
| Retained Funds | **3,234,505** | **3,109,093** | **3,299,590** | **65,085** | **190,497** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | BUDGET as at 31 Dec 2022 | ACTUAL as at 31 Dec 2022 | BUDGET as at 31 Dec 2023 |
|---|---|---|---|
| | € | € | € |
| Current Assets | 1,860,573 | 1,848,958 | 1,810,159 |
| Current Liabilities | 303,008 | 354,128 | 284,799 |
| **Working Capital** | 1,557,565 | 1,494,830 | 1,525,360 |
| Government Allocation | 979,350 | 979,514 | 989,048 |
| **FSI** | **159 %** | **153 %** | **154 %** |

**Cash Budget**

| DESCRIPTION | QTR 1<br>JAN-MAR 2023 € | QTR 2<br>APR-JUN 2023 € | QTR 3<br>JUL-SEP 2023 € | QTR 4<br>OCT-DEC 2023 € | TOTAL 2023 € |
|---|---|---|---|---|---|
| **Cash Inflows** | | | | | |
| **Government cash inflows** | 333,797 | 333,797 | 333,797 | 333,797 | **1,335,188** |
| **Cash flows from Bye-Laws & L.N fees** | 13,409 | 13,409 | 13,409 | 13,409 | **53,635** |
| **Local Enforcement cash flows** | 1,750 | 1,750 | 1,750 | 1,750 | **7,000** |
| **Finance cash flows** | | | | | |
| Loan Proceeds | | | | | **-** |
| Investment income | 30 | 30 | 30 | 30 | **120** |
| | | | | | **120** |
| **Capital cash flow** | | | | | |
| Proceeds from disposal of assets | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| **Cash received from EU funds** | | | | | **-** |
| **Cash received from Twinning** | | | | | **-** |
| **Cash from Community Services** | | | | | **-** |
| **Other Cash Inflows** | 3,938 | 3,938 | 3,938 | 3,938 | **15,750** |
| **TOTAL Inflows** | **352,893** | **352,893** | **352,893** | **352,893** | **1,411,693** |

**Cash Outflows**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Personal Emoluments** | 76,982 | 76,982 | 76,982 | 76,982 | **307,927** |
| **Operations & Maintenance** | 144,900 | 144,900 | 144,900 | 144,900 | **579,600** |
| **Administration** | 11,750 | 11,750 | 11,750 | 11,750 | **47,000** |
| **Finance** | - | - | - | - | **-** |
| **Capital** | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | **-** |
| Construction | | | | | **-** |
| Improvements | 157,000 | 157,000 | 157,000 | 157,000 | **628,000** |
| Special programmes | 38,922 | 38,922 | 38,922 | 38,922 | **155,688** |
| | | | | | **-** |
| | 195,922 | 195,922 | 195,922 | 195,922 | **783,688** |
| **Cash outflows re EU projects** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Twinning** | | | | | **-** |
| **Cash outflows re Community Services** | | | | | **-** |
| | | | | | **-** |
| | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| **TOTAL Outflows** | **429,554** | **429,554** | **429,554** | **429,554** | **1,718,215** |
| **SURPLUS / (DEFICIT)** | **(76,661)** | **(76,661)** | **(76,661)** | **(76,661)** | **(306,522)** |
| **Brought forward (Bank /Cash Bal.)** | **1,749,037** | **1,672,377** | **1,595,716** | **1,519,056** | **1,749,037** |
| **Carry forward** | **1,672,377** | **1,595,716** | **1,519,056** | **1,442,395** | **1,442,515** |

# Detailed Estimates of Income

| | | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | BUDGET Jan-Dec 2022 | ACTUAL Jan-Sept 2022 | FORECAST Oct-Dec 2022 | TOTAL Jan-Dec 2022 | BUDGET Jan-Dec 2023 | VARIANCE Bud-Bud | VARIANCE Bud-Act |
| | | | € | € | € | € | € | € | € |
| | | **Income** | | | | | | | |
| 1 | | **Funds received form Central Government:** | | | | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 979,350 | 734,514 | 245,000 | 979,514 | 989,048 | 9,698 | 9,534 |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | 10,000 | | | - | 10,000 | - | 10,000 |
| | 0005-0019 | Other Income | 190,194 | 101,247 | 53,000 | 154,247 | 336,140 | 145,946 | 181,893 |
| | | | **1,179,544** | **835,761** | **298,000** | 1,133,761 | **1,335,188** | **155,644** | **201,427** |
| 2 | | **Bye-Laws & Legal Fees** | | | | | | | |
| | 0021-0025 | **Bye-Laws & Legal Fees** | 16,500 | 11,699 | 4,500 | 16,199 | 16,500 | - | 301 |
| | 0026-0035 | **Bye-Laws & Legal Fees** | 32,300 | 31,272 | 6,500 | 37,772 | 37,135 | 4,835 | (637) |
| | | | **48,800** | **42,971** | **11,000** | **53,971** | **53,635** | **4,835** | **(336)** |
| 3 | | **Local Enforcement Income** | | | | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | | | | | | | |
| | 0038-0055 | Contraventions | 9,800 | 6,121 | 1,500 | 7,621 | 7,000 | (2,800) | (621) |
| | | | | | | - | | - | - |
| | | | **9,800** | **6,121** | **1,500** | **7,621** | **7,000** | **(2,800)** | **(621)** |
| 4 | | **Investment Income** | | | | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | 350 | 14 | 140 | 154 | 120 | (230) | (34) |
| | 0096-0099 | Income received from Government Securities | | | | - | | - | - |
| | | | **350** | **14** | **140** | **154** | **120** | **(230)** | **(34)** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 5 | **General Income** | | | | | | | |
| 0056-0065 | Sponsorships | 1,500 | 518 | 120 | 638 | | (1,500) | (638) |
| 0066-0069 | Documents & Information | 6,500 | 3,173 | 1,500 | 4,673 | 5,700 | (800) | 1,027 |
| 0070-0075 | EU Funds | | | | - | | - | - |
| 0076-0080 | Twinning | | | | - | | - | - |
| 0081-0089 | Insurance Claims | | | | - | | - | - |
| 0100-0109 | Donations | | | | - | | - | - |
| 0110-0119 | Contributions | | | | - | | - | - |
| 0120-0129 | General Income | 7,750 | 7,586 | 4,900 | 12,486 | 10,700 | 2,950 | (1,786) |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **15,750** | **11,277** | **6,520** | **17,797** | **16,400** | **650** | **(1,397)** |
| | **Total** | **1,254,244** | **896,144** | **317,160** | **1,213,304** | **1,412,343** | **158,099** | **199,039** |

## Detailed Estimates of Expenditure

| | | DESCRIPTION | A BUDGET Jan-Dec 2022 | B ACTUAL Jan-Sept 2022 | C FORECAST Oct-Dec 2022 | D (B + C) TOTAL Jan-Dec 2022 | E BUDGET Jan-Dec 2023 | F (E - A) VARIANCE Bud-Bud | G (E - D) VARIANCE Bud-Act |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | € | € | € | € | € | € | € |
| 6 | | **Personal Emoluments** | | | | | | | |
| | 1100 | Mayor's Allowance | 15,516 | 12,035 | 3,480 | 15,515 | 16,003 | 487 | 488 |
| | 1200 | Employees' Salaries & Wages | 186,587 | 150,274 | 52,000 | 202,274 | 219,176 | 32,589 | 16,902 |
| | 1300 | Bonuses | 12,164 | 10,679 | 4,159 | 14,838 | 19,206 | 7,042 | 4,368 |
| | 1400 | Income Supplements | 1,600 | 2,106 | 50 | 2,156 | 3,242 | 1,642 | 1,086 |
| | 1500 | Social Security Contributions | 16,000 | 11,748 | 4,372 | 16,120 | 17,000 | 1,000 | 880 |
| | 1600 | Allowances | 700 | 700 | 3,400 | 4,100 | 23,300 | 22,600 | 19,200 |
| | 1700 | Overtime | 8,000 | 5,552 | 2,900 | 8,452 | 10,000 | 2,000 | 1,548 |
| | | | **240,567** | **193,094** | **70,361** | **263,455** | **307,927** | **67,360** | **44,472** |
| 7 | | **Operations and Maintenance** | | | | | | | |
| | 2100-2149 | Public Utilities | 12,000 | 6,380 | 7,000 | 13,380 | 12,000 | - | (1,380) |
| | 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 10,000 | 6,908 | 3,000 | 9,908 | 10,500 | 500 | 592 |
| | 2300-2399 | Repairs & Upkeep | 64,800 | 63,490 | 9,500 | 72,990 | 82,200 | 17,400 | 9,210 |
| | 2400-2449 | Rent | 1,400 | 6,110 | 500 | 6,610 | 7,000 | 5,600 | 390 |
| | 3010 | Street Lighting | 40,000 | 17,440 | 15,000 | 32,440 | 32,000 | (8,000) | (440) |
| | 3020 | Lease of Equipment | | - | | - | | - | - |
| | 3030 | Insurance | 5,000 | 3,893 | 2,000 | 5,893 | 5,000 | - | (893) |
| | 3035 | Bank Charges | 916 | 1,191 | 500 | 1,691 | 1,200 | 284 | (491) |
| | 3038 | Penalties | | - | | - | | - | - |
| | 3040 | Waste Disposal | 60,000 | 44,915 | 10,500 | 55,415 | 55,000 | (5,000) | (415) |
| | 3041 | Refuse Collection | 120,000 | 89,316 | 30,000 | 119,316 | 120,000 | - | 684 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 35,000 | 22,437 | 19,000 | 41,437 | 45,000 | 10,000 | 3,563 |
| 3043 | Bins on wheels | | - | | - | | - | - |
| 3045 | Bring in sites | | - | | - | | - | - |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 50,000 | 46,080 | 25,500 | 71,580 | 72,000 | 22,000 | 420 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 31,000 | 23,601 | 12,000 | 35,601 | 5,000 | (26,000) | (30,601) |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | | 283 | 200 | 483 | | - | (483) |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | | 3,731 | 2,200 | 5,931 | 8,000 | 8,000 | 2,069 |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | | | | - | | - | - |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 25,000 | 19,799 | 7,000 | 26,799 | - | (25,000) | (26,799) |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | | | - | | - | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | | | - | | - | - |
| 3064 | Other Contractual Services | 20,000 | 6,487 | | 6,487 | 20,000 | - | 13,513 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | | - | | - | | - | - |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | 45,000 | 15,860 | 10,000 | 25,860 | 31,000 | (14,000) | 5,140 |
| 3300-3379 | Hospitality | 79,700 | 50,938 | 10,000 | 60,938 | 73,700 | (6,000) | 12,762 |
| 3380-3389 | Community | | 1,590 | 5,000 | 6,590 | | - | (6,590) |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses - Manucca | | 3,627 | 500 | 4,127 | | - | (4,127) |
| 3700-3799 | EU Projects | | | | - | | - | - |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **599,816** | **434,076** | **169,400** | **603,476** | **579,600** | **(20,216)** | **(23,876)** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | | **Administration & Other Expenditure** | | | | | | | |
| | 2150-2199 | Office Utilities | 4,000 | 4,013 | 4,000 | 8,013 | 5,000 | 1,000 | (3,013) |
| | 2260-2299 | Office Materials & Supplies | | - | | - | | - | - |
| | 2450-2499 | Office Rent | | - | | - | | - | - |
| | 2500-2599 | National & International Memberships | 500 | 190 | 200 | 390 | 500 | - | 110 |
| | 2600-2699 | Office Services | 9,100 | 6,137 | 2,100 | 8,237 | 7,000 | (2,100) | (1,237) |
| | 2700-2799 | Transport | 4,500 | 3,556 | 600 | 4,156 | 5,000 | 500 | 844 |
| | 2800-2899 | Travel | | 287 | | 287 | | - | (287) |
| | 2900-2999 | Information Services | | 2,452 | | 2,452 | | - | (2,452) |
| | 3050 | Office Cleaning | | - | | - | | - | - |
| | 3140-3199 | Professional Services | 5,000 | 4,402 | 15,000 | 19,402 | 5,000 | - | (14,402) |
| | 3200-3299 | Training | | - | | - | | - | - |
| | 3345 | Office Hospitality | | - | | - | | - | - |
| | 3400-3499 | Incidental Expenses | | 5,718 | 9,200 | 14,918 | 24,500 | 24,500 | 9,582 |
| | | | 33,500 | | | - | | (33,500) | - |
| | | | **56,600** | **26,755** | **31,100** | **57,855** | **47,000** | **(9,600)** | **(10,855)** |
| 9 | | **Finance Costs** | | | | | | | |
| | 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - | | - | - |
| 10 | | **Other Expenditure** | | | | | | | |
| | 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of assets | | | | - | | - | - |
| | 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - | | - | - |
| | 8000-8099 | Depreciation (Charge for the Year) | 301,664 | 184,109 | | 184,109 | 287,319 | (14,345) | 103,210 |
| | | | 301,664 | 184,109 | - | 184,109 | 287,319 | (14,345) | 103,210 |
| | | **Total** | **1,198,647** | **838,034** | **270,861** | **1,108,895** | **1,221,846** | **23,199** | **112,951** |

# Detailed Estimates of Statement of Financial Position

| | | DESCRIPTION | A | B | C | D (B + C) | E | F (E - A) | G (E - D) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | BUDGET Jan-Dec 2022 € | ACTUAL as at 30-Sep 2022 € | FORECAST changes from 30 Sep-31 Dec 2022 € | TOTAL as at 31-Dec 2022 € | BUDGET Jan-Dec 2023 € | VARIANCE Bud-Bud € | VARIANCE Bud-Act € |
| 11 | | **Inventory** | | | | | | | |
| | 5201-5249 | Stationery | | | | - | - | - | - |
| | 5250-5299 | Consumables | | | | - | - | - | - |
| | | | | | | - | - | - | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |
| 12 | | **Receivables** | | | | | | | |
| | 0201-0209 | Receivables | 86,984 | 62,973 | | 62,973 | 49,734 | (37,250) | (13,239) |
| | 0210-0219 | LES Receivables | 13,164 | 36,112 | | 36,112 | - | (13,164) | (36,112) |
| | 0220-0229 | Receivables from EU | | - | | - | | - | - |
| | 0250 | Prepayments & Accrued income | | 836 | | 836 | | - | (836) |
| | | | | | | - | | - | - |
| | | | **100,148** | **99,921** | **-** | **99,921** | **49,734** | **(50,414)** | **(50,187)** |
| 13 | | **Cash & Equivalents** | | | | | | | |
| | 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 1,760,425 | 1,749,037 | | 1,749,037 | 1,760,425 | - | 11,388 |
| | | | **1,760,425** | **1,749,037** | **-** | **1,749,037** | **1,760,425** | **-** | **11,388** |

14 **Payables**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4000 | Payables | 203,008 | 66,403 | | 66,403 | 145,450 | (57,558) | 79,047 |
| 4100 | Accruals | 100,000 | 28,963 | | 28,963 | 18,186 | (81,814) | (10,777) |
| 4150 | Defered Income | | 258,762 | | 258,762 | 121,163 | 121,163 | (137,599) |
| | Current portion of Long-Term Borrowings | | | | - | - | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **303,008** | **354,128** | **-** | **354,128** | **284,799** | **(18,209)** | **(69,329)** |

15 **Non Current Liabilities**

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4200 | Long Term Borrowings | | | | - | | - | - |
| | | | | | - | | - | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** | **-** |